Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/94/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 2005

dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE

(ĠU L 270M, 29.9.2006, p. 5)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Direttiva tal-Kunsill 2008/73/KE tal-15 ta' Lulju 2008	L 219	40	14.8.2008
►M2	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/662 tas-27 ta' April 2018	L 110	134	30.4.2018

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 137, 4.6.2015, p. 13 (2005/94/KE)

▼B

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2005/94/KE

ta' l-20 ta' Diċembru 2005

dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi:

(a) ċerti miżuri preventivi marbuta mas-sorveljanza u s-sejba bikrija ta' l-influwenza tat-tjur u li jżidu l-livell ta' għarfien ta' l-awtoritajiet kompetenti u tal-komunità agrikola u l-preparazzjoni għar-riskji ta' dik il-marda;

(b) il-miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tfaqqigħ ta' l-influwenza tat-tjur fi tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u s-sejba bikrija ta' tixrid possibbli tal-viruses ta' l-influwenza tat-tjur għal mammiferi;

(ċ) miżuri sussidjarji oħra biex jiġi evitat it-tixrid tal-viruses ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja għal speċi oħra.

2. L-Istati Membri jibqgħu liberi li jieħdu miżuri aktar stretti fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "influwenza tat-tjur" tfisser kwalunkwe infezzjoni ta' l-influwenza hekk deskritta fl-Anness I;

2) "influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli (HPAI)" tfisser kwalunkwe infezzjoni ta' l-influwenza tat-tjur hekk deskritta fl-Anness I;

3) "influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku baxx (LPAI)" tfisser kwalunkwe infezzjoni ta' l-influwenza tat-tjur hekk deskritta fl-Anness I;

4) "tjur" tfisser l-għasafar kollha mrobbija jew miżmuma fil-magħluq għall-produzzjoni tal-laħam jew bajd għall-konsum, għall-produzzjoni ta' prodotti oħra, għat-tgħammir mill-ġdid tal-proviżjonijiet ta' l-għasafar tal-kaċċa jew għall-fini ta' kwalunkwe programm ta' trobbija għall-produzzjoni ta' dawn il-kategoriji ta' għasafar;

5) "għasfur salvaġġ" tfisser għasfur ħieles li m'hu miżmum f'ebda azjenda kif definita fil-punt 8;

▼B

6) “għasafar oħra miżmuma fil-magħluq” tfisser kwalunkwe għasfur minbarra tjur li jinżamm fil-magħluq għal kwalunkwe raġuni oħra minbarra dawk imsemmija fil-punt 4 inklużi dawk li huma miżmuma għal wirjiet, tlielaq, eżibizzjonijiet, kompetizzjonijiet trobbija jew bejgħ;

7) “razez rari ta' tjur jew ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq reġistrati uffiċjalment” tfisser kwalunkwe tajr jew għasfur miżmum fil-magħluq ieħor li l-awtorità kompetenti rrikonoxxiet uffiċjalment bħala razza rari fil-pjan ta' kontinġenza tagħha previst fl-Artikolu 62;

8) “azjenda” tfisser kwalunkwe post agrikolu jew post ieħor, inklużi mfaqas, ċirki, żuwijiet, ħwienet ta' l-għasafar domestiċi, swieq ta' l-għasafar, u guvi, fejn jitrabbew jew jinżammu tjur jew għasafar miżmuma fil-magħluq oħra. Madankollu, din id-definizzjoni ma tinkludix il-biċċeriji, mezzi ta' trasport, faċilitajiet u ċentri ta' kwarantina, postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri u laboratorji awtorizzati mill-awtorità kompetenti li jżommu l-virus ta' l-influwenza tat-tjur;

9) “stabbiliment kummerċjali tat-tjur ta’ l-irziezet” tfisser stabbiliment fejn it-tjur ta’ l-irziezet jinżammu għal skopijiet kummerċjali;

10) “azjenda mhux kummerċjali” ifissru azjenda fejn jinżammu tjur jew għasafar miżmuma oħra fil-magħluq mill-proprjetarji tagħhom:

(a) għall-konsum jew l-użu minnhom stess;

jew

(b) bħala annimali domestiċi;

11) “kumpartiment tat-tjur” jew “kumpartiment ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq” tfisser azjenda jew azjendi taħt sistema komuni ta' amministrazzjoni ta' bijosigurtà li fihom sotto-popolazzjoni ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq bi status tas-saħħa distint fir-rigward ta' l-influwenza tat-tjur u li huma soġġetti għal miżuri ta' sorveljanza, kontroll u bijosigurtà xierqa;

12) “qatgħa” tfisser it-tjur kollha ta' l-irziezet jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq f'unità ta' produzzjoni waħda;

13) “unità ta' produzzjoni” tfisser unità f'azjenda li dwarha l-veterinarju uffiċjali huwa sodisfatt li hija għal kollox indipendenti minn kwalunkwe unità oħra fl-istess azjenda f'termini tal-post tagħha u l-amministrazzjoni ta' kuljum tat-tjur jew ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li jinżammu fiha;

14) “flieles ta' jum” tfisser it-tjur kollha ta' inqas minn 72 siegħa, li għadhom ma ġewx mitmugħin u papri tal-Moskovija (Cairina moschata) jew ir-razez imħallta tagħhom, ta' anqas minn 72 siegħa, mitmugħin jew le;

15) “manwal dijanjostiku” tfisser il-manwal dijanjostiku previst fl-Artikolu 50(1);

16) “tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq suspettati li huma infettati” tfisser kwalunkwe tajr jew għasfur ieħor miżmum fil-magħluq li juru sinjali kliniċi jew li juru leżjonijiet jew reazzjonijiet post-mortem għat-testijiet tal-laboratorju li huma tali li l-preżenza ta' l-influwenza tat-tjur ma tistax tiġi eskluża;

▼B

17) “sid” tfisser kwalunkwe persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi, li jew għandha/hom l-pussess tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, jew li, jew li inkarigata/i biex iżżomm/iżommu dawn, kemm jekk għal skopijiet kummerċjali kif ukoll jekk le;

18) “awtorità kompetenti” tfisser l-awtorità ta' Stat Membru li ħija kompetenti li twettaq verifiki fiżiċi jew formalitajiet amministrattivi skond din id-Direttiva jew kwalunkwe awtorità li lilha ġew iddelegati tali kompetenzi;

19) “veterinarju uffiċjali” tfisser il-veterinarju magħżul mill-awtorità kompetenti;

20) “sorveljanza uffiċjali” tfisser l-azzjoni ta' monitoraġġ bir-reqqa mill-awtorità kompetenti ta' l-istatus tas-saħħa tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew mammiferi fi stabbiliment fir-rigward ta' l-influenza avjarja;

21) “superviżjoni uffiċjali” tfisser l-azzjonijiet meħuda mill-awtorità kompetenti biex tivverifika li l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u ta' kwalunkwe istruzzjoni minn dik l-awtorità fir-rigward ta' kif dawk il-ħtiġiet għandhom jiġu sodisfatti, jew ġew sodisfatti;

22) “qtil” tfisser kull proċess ħlief għal qtil li jseħħ fil-biċċerija li jikkawża l-mewt ta' mamiferu, tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq;

23) “tbiċċir” tfisser kull proċess li jikkawża l-mewt ta' mamiferu jew tajr permezz ta' ċarċir tad-demm għall-fini ta' konsum mill-bniedem;

24) “rimi” tfisser l-att tal-ġbir, it-trasport, il-ħażna, il-maniġġar, l-ipproċessar u l-użu jew ir-rimi ta' prodotti sekondarji ta' l-annimali skond:

(a) ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002;

jew

(b) regoli li għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2);

25) “Bank Komunitarju tal-vaċċin” tfisser postijiet xierqa magħżula skond l-Artikolu 58(1) għall-ħażna tar-riżervi Komunitarji tal-vaċċini ta' l-influwenza tat-tjur;

26) “azjenda milquta” tfisser azjenda fejn l-influwenza tat-tjur setgħet ġiet minn jew ġiet introdotta bħala riżultat tal-post fejn tinsab, iċ-ċaqliq ta' persuni, tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, vetturi jew bi kwalunkwe mod ieħor;

27) “tfaqqigħ ta' l-influwenza suspettat” tfisser azjenda fejn l-awtorità kompetenti tissuspetta l-preżenza ta' l-influwenza tat-tjur;

28) “tfaqqigħ” tfisser stabbiliment li fih l-influwenza tat-tjur ġiet ikkonfermata mill-awtorità kompetenti;

29) “tfaqqigħ primarju” tfisser tfaqqigħ ta' l-influwenza mhux marbut epidemjoloġikament ma' tfaqqigħ preċedenti fl-istess reġjun ta' Stat Membru, kif definit fl-Artikolu 2(2), punt p) tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar problemi ta' saħħa ta' l-annimali li jaffetwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fl-annimali bovini u l-majjali ([1]), jew l-ewwel tfaqqigħ f'reġjun differenti ta' l-istess Stat Membru;

([1]) ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977, kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1/2005 (ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1).

▼B

30) “Strateġija (DIVA) ta' Distinzjoni bejn Annimal Infettat u wieħed Imlaqqam” tfisser strateġija ta' tilqim li tippermetti li ssir distinzjoni bejn annimali imlaqqmin/infettati u dawk imlaqqmin/mhux infettati permezz ta' l-applikazzjoni ta' test dijanjostiku mfassal biex jiġu individwati antikorpi kontra l-field virus u l-użu ta' għasafar sentinelli mhux imlaqqmin;

31) “mammiferu” tfisser annimal tal-klassi Mammalia, ħlief bnedmin;

32) “karkassa” tfisser tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li mietu jew ġew maqtula u li mhux tajbin għall-konsum mill-bniedem jew partijiet minnhom.

KAPITOLU II

BIJOSIGURTÀ PREVENTIVA, SORVELJANZA, NOTIFIKI U INKJESTI EPIDEMJOLOĠIĊI

Artikolu 3

Miżuri preventivi ta' bijosigurtà

Jistgħu jiġu stabbiliti disposizzjonijiet speċifiċi dwar miżuri preventivi ta' bijosigurtà skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

Artikolu 4

Programmi ta’ sorveljanza

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu programmi ta' sorveljanza sabiex:

(a) isibu l-prevalenza ta' infezzjonijiet bil-virus ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotipi H5 u H7 fi speċi differenti ta' tjur;

(b) jikkontribwixxu, abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju aġġornata regolarment, għall-għarfien dwar it-theddid li ġej mill-għasafar selvaġġi fir-rigward ta' kwalunkwe virus ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja fl-għasafar.

2. Il-programmi ta' sorveljanza msemmija f' paragrafu 1 (a) għandhom jikkonformaw mal-linji gwida li jridu jitfasslu mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

Artikolu 5

Notifiki

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-preżenza suspettata u l-preżenza ta' l-influwenza tat-tjur jiġu notifikati ta' bilfors u immedjatament lill-awtorità kompetenti.

2. Flimkien mal-ħtiġiet previsti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar notifika ta' tfaqqigħ ta' mard ta' l-annimali, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni skond l-Anness II dwar kwalunkwe influwenza tat-tjur li tkun ikkonfermata mill-awtorità kompetenti f'biċċeriji, mezzi ta' trasport, postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri, u postijiet oħra fuq fruntieri Komunitarji u faċilitajiet ta' kwarantina jew ċentri li joperaw skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-importazzjonijiet ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-riżultati ta' kull sorveljanza għall-influwenza tat-tjur mwettqa fuq mammiferi.

▼B

Artikolu 6

Inkjesta epidemjoloġika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-inkjesti epidemjoloġiċi jinbdew abbażi ta' kwestjonarji, stabbiliti fi ħdan il-qafas tal-pjanijiet ta' kontinġenza previsti fl-Artikolu 62.

2. L-inkjesta epidemjoloġika għandha tinkludi mill-inqas dawn li ġejjin:

(a) it-tul ta' żmien li fih l-influwenza tat-tjur setgħet kienet preżenti fl-azjenda jew f'postijiet oħra jew fuq mezzi ta' trasport;

(b) l-oriġini possibbli ta' l-influwenza tat-tjur;

(ċ) l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe azjenda milquta;

(d) iċ-ċaqliq ta' tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, persuni, mammiferi, vetturi jew kwalunkwe materjal jew mezzi oħra li permezz tagħhom seta' xxerred il-virus ta' l-influwenza tat-tjur.

3. L-awtorità kompetenti għandha tieħu kont ta' l-inkjesta epidemjoloġika meta:

(a) tiddeċiedi jekk hemmx il-ħtieġa li jiġu applikati mezzi addizzjonali għall-kontroll tal-marda, kif previst f'din id-Direttiva;

u

(b) tagħti derogi kif previst f'din id-Direttiva.

4. Jekk l-inkjesta epidemjoloġika tissuġġerixxi li l-influwenza tat-tjur setgħet inxterdet minn jew għal Stati Membri oħra, il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra kkonċernati għandhom jiġu avżati minnufih bir-riżultati tas-sejbiet kollha ta' l-inkjesta.

KAPITOLU III

TFAQQIGĦ TA' L-INFLUWENZA SUSPETTAT

Artikolu 7

Miżuri li għandhom jiġu applikati għall-azjendi fejn ikun suspettat tfaqqigħ ta' l-influwenza

1. Fil-każ ta' suspett ta' tfaqqigħ, l-awtorità kompetenti għandha tibda investigazzjoni minnufih biex tikkonferma jew teskludi l-preżenza ta' l-influwenza tat-tjur skond il-manwal dijanjostiku u tqiegħed l-azjenda taħt sorveljanza uffiċjali. L-awtorità kompetenti għandha wkoll tiżgura li l-miżuri previsti fil-paragrafi 2 u 3 jiġu osservati.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri li ġejjin jiġu applikati għall-azjenda:

(a) li jingħadd in-numru tat-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq u l-mammiferi kollha ta' speċi domestiċi jew, jekk opportun, li jkun hemm stima tan-numru tagħhom skond it-tip tat-tjur jew l-ispeċi ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq;

(b) issir lista tan-numru approssimattiv tat-tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u l-mammiferi kollha ta' speċi domestiċi li huma diġà morda, mejtin jew li x'aktarx huma infettati f'kull kategorija fl-azjenda; dik il-lista għandha tiġi aġġornata kuljum sabiex tieħu

▼B

kont ta' tifqis, twelid u mwiet matul iż-żmien kollu tat-tfaqqigħ ta' l-influwenza suspettat u għandha tiġi ppreżentata, fuq talba, lill-awtorità kompetenti;

(ċ) it-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq kollha jitpoġġew ġewwa bini fl-azjenda tagħhom u jinżammu hemmhekk. Meta dan ma jkunx prattiku jew jekk il-benesseri tagħhom ikun kompromess huma jinżammu iżolati f'xi post ieħor fl-istess azjenda b'tali mod li ma jkollhomx kuntatt ma' tjur oħra jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq f'azjendi oħra. Jittieħdu l-passi raġjonevoli kollha biex jiġi minimizzat il-kuntatt tagħhom ma' għasafar selvaġġi;

(d) ebda tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ma jistgħu jidħlu jew joħorġu mill-azjenda;

(e) ebda karkassa tat-tjur jew ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, laħam tat-tjur inkluż il-ġewwieni ta' l-annimali ("laħam tat-tjur"), għalf tat-tjur ("għalf"), għodod, materjali, skart, ħmieġ, demel tat-tjur jew ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ("demel"), demel likwidu, mifrex użat jew kull ħaġa li x'aktarx tittrasmetti l-influwenza tat-tjur ma tista' toħroġ mill-azjenda mingħajr awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, waqt li jiġu osservati miżuri ta' bijosigurtà xierqa sabiex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju ta' tixrid ta' l-influwenza tat-tjur;

(f) ebda bajd ma' jista' joħroġ mill-azjenda;

(g) iċ-ċaqliq ta' persuni, mammiferi ta' speċi domestiċi, vetturi u tagħmir lejn jew mill-azjenda huwa soġġett għall-kondizzjonijiet u l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti;

(h) jintużaw mezzi ta' diżinfezzjoni xierqa fid-dħul jew l-ħruġ tal-bini fejn hemm it-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq u ta' l-azjenda stess skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li ssir inkjesta epidemjoloġika skond l-Artikolu 6 ("l-inkjesta epidemjoloġika").

4. Minkejja l-paragrafu 1 l-awtorità kompetenti tista' tipprovdi għas-sottomissjoni ta' kampjuni f'każijiet oħra. F'tali ċirkustanzi l-awtorità kompetenti tista' tipproċedi mingħajr ma tadotta uħud mill-miżuri jew il-miżuri kollha msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 8

Derogi minn ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati għall-azjendi fejn ikun suspettat tfaqqigħ ta' l-influwenza

1. L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri previsti fil-punti (ċ) sa (e) ta' l-Artikolu 7(2) abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju u b'kont meħud tal-prekawzjonijiet meħuda u d-destinazzjoni ta' l-għasafar u tal-prodotti li għandhom jiġu mċaqalqa.

2. L-awtorità kompetenti tista' tagħti wkoll derogi mill-miżuri previsti fl-Artikolu 7(2) punt (h) fil-każ ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq miżmuma f'postijiet mhux kummerċjali.

3. B'referenza għall-Artikolu 7(2) il-punt (f), l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza li l-bajd jintbagħat:

(a) direttament lejn stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitolu II tat-Taqsima X ta' l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

▼B

fejn l-awtorità kompetenti toħroġ tali awtorizzazzjoni, din għandha tkun soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III għal din id-Direttiva;

jew

(b) għar-rimi.

Artikolu 9

Tul tal-miżuri li għandhom jiġu applikati għall-azjendi fejn ikun suspettat tfaqqigħ ta' l-influwenza

Il-miżuri li għandhom jiġu applikati għall-azjendi f'każijiet ta' suspett ta' tfaqqigħ, kif previst fl-Artikolu 7, għandhom jibqgħu jiġu applikati sakemm l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li s-suspett ta' l-influwenza tat-tjur ikun ġie eskluż.

Artikolu 10

Miżuri addizzjonali bbażati fuq inkjesta epidemjoloġika

1. Abbażi tar-riżultati preliminari ta' inkjesta epidemjoloġika, l-awtorità kompetenti tista' tapplika l-miżuri previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4, b'mod partikolari jekk l-azjenda tinsab f'żona b'densità għolja ta' tjur.

2. Jistgħu jiġu introdotti restrizzjonijiet temporanji fuq iċ-ċaqliq tat-tjur, ta' għasafar miżmuma oħra fil-magħluq u bajd u fuq iċ-ċaqliq ta' vetturi użati fis-settur tat-tjur f'żona definita jew fl-Stat Membru kollu.

Tali restrizzjonijiet jistgħu jiġu estiżi għal ċaqliq ta' mammiferi ta' speċi domestiċi, iżda f'dak il-każ m'għandhomx ikunu għal aktar minn 72 siegħa, sakemm m'hemmx ġustifikazzjoni.

3. Il-miżuri previsti fl-Artikolu 11 jistgħu jiġu applikati lill-azjenda.

Madankollu, jekk il-kondizzjonijiet jippermettu, l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri tista' tiġi limitata biss għat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq suspettati li huma infettati u l-unitajiet ta' produzzjoni tagħhom.

Għandhom jittieħdu kampjuni minn fost it-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq jekk jinqatlu sabiex ir-riskju ta' tfaqqigħ suspettat jista' jiġi kkonfermat jew eskluż, skond il-manwal dijanjostiku.

4. Tista' tiġi stabbilita żona temporanja ta' kontroll madwar l-azjenda u xi whud mill-miżuri, jew il-miżuri kollha previsti fl-Artikolu 7 (2) għandhom jiġu applikati kif meħtieġ għall-azjendi f'dik iż-żona.

KAPITOLU IV

INFLUWENZA TAT-TJUR B'LIVELL PATOĠENIKU GĦOLI (HPAI)

TAQSIMA 1

Azjendi, unitajiet ta' produzzjoni separati u azjendi milquta

Artikolu 11

Miżuri li għandhom jiġu applikati għall-azjendi fejn it-tfaqqiegħ ikun konfermat

1. F'każ ta' tfaqqigħ ta' l-HPAI, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri previsti fl-Artikolu 7(2) u (3) u l-paragrafi 2 sa 10 ta' dan l-Artikolu jiġu applikati.

▼B

2. It-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq kollha fl-azjenda għandhom jinqatlu mingħajr dewmien taħt superviżjoni uffiċjali. Il-qtil għandu jsir b'tali mod li jiġi evitat ir-riskju li tinxtered l-influwenza tat-tjur, b'mod partikolari waqt it-trasport.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħtu derogi għal ċerti speċi ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li ma jiġux maqtula, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju ta' tixrid ulterjuri ta' l-influwenza tat-tjur.

L-awtorità kompetenti tista' tieħu miżuri xierqa biex tillimita kwalunkwe tixrid possibbli ta' l-influwenza tat-tjur għal kwalunkwe għasfur selvaġġ fl-azjenda.

3. Il-karkassi u l-bajd kollha għandhom jintremew taħt superviżjoni uffiċjali.

4. It-tjur diġà mfaqqsa minn bajd miġbur mill-azjenda matul il-perijodu bejn id-data meta probabbilment ġiet introdotta l-HPAI fl-azjenda u l-applikazzjoni tal-miżuri previsti taħt l-Artikolu 7(2), għandhom jitqiegħdu taħt superviżjoni uffiċjali u għandhom jitwettqu investigazzjonijiet skond il-manwal dijanjostiku.

5. Il-laħam ta' tjur imbiċċer u l-bajd miġbur mill-azjenda matul il-perijodu bejn id-data meta probabbilment ġiet introdotta l-HPAI fl-azjenda u l-applikazzjoni tal-miżuri previsti taħt l-Artikolu 7(2) għandhom, kull fejn hu possibbli, jiġu traċċati u mormija taħt superviżjoni uffiċjali.

6. Is-sustanzi u l-iskart kollha li x'aktarx huma kkontaminati, bħall-għalf, għandhom jinqerdu jew jiġu soġġetti għal trattament li jiżgura l-qerda tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur, skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali.

7. Madankollu, demel, demel likwidu u mfierex li x'aktarx huma kkontaminati għandhom jgħaddu minn waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48.

8. Wara li l-karkassi jintremew, il-bini użat biex jinżammu fih, mergħat jew art, it-tagħmir li x'aktarx huwa kkontaminat u l-vetturi użati għat-trasport ta' tjur jew ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, karkassi, laħam, għalf, demel, demel likwidu, imfierex u kwalunkwe materjal jew sustanza oħra li x'aktarx huma kkontaminati għandhom jgħaddu minn waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48.

9. Għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew mammiferi ta' speċi domestiċi m'għandhomx jidħlu fi jew joħorġu mill-azjenda mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti. Tali restrizzjoni m'għandhiex tapplika għal mammiferi ta' speċi domestiċi li għandhom aċċess biss għall-kwartieri fejn jgħixu l-bnedmin.

10. Fil-każ ta' tfaqqigħ primarju, il-kampjun tal-virus għandu jkun soġġett għal proċedura tal-laboratorju skond il-manwal dijanjostiku biex jiġi identifikat is-sottotip ġenetiku.

Dak il-kampjun tal-virus għandu jiġi sottomess lil-laboratorju Komunitarju ta' referenza, kif previst fl-Artikolu 51(1) mill-aktar fis possibbli.

Artikolu 12

Derogi

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu regoli dettaljati għall-għoti ta' derogi, kif previst fl-Artikoli 11(2), 13 u 14, inklużi miżuri u

▼B

kondizzjonijiet alternattivi xierqa. Tali derogi għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni ta' riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deroga mogħtija skond l-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 14.

3. Fejn tkun ingħatat deroga, kif prevista fl-Artikolu 13(1) u fl-Artikolu 14, il-Kummissjoni għandha tirrevedi minnufih is-sitwazzjoni ma' l-Istat Membru kkonċernat u fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali ("il-Kumitat") mill-aktar fis possibbli.

4. B'kont meħud ta' kwalunkwe deroga mogħtija, kif prevista fl-Artikolu 13(1) u l-Artikolu 14, miżuri biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

Artikolu 13

Derogi li jikkonċernaw ċerti azjendi

1. L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri previsti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 11 (2) f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-HPAI f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, żu, ħanut ta' l-għasafar domestiċi, park ta' l-annimali selvaġġi, żona magħluqa fejn jinżammu tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi li jinsabu fil-periklu jew razez rari ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li huma reġistrati uffiċjalment, sakemm dawn id-derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-marda.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li fejn tingħata deroga, kif prevista fil-paragrafu 1, it-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq kkonċernati bid-deroga:

(a) jitpoġġew ġewwa bini fl-azjenda tagħhom u jinżammu hemmhekk. Meta dan ma jkunx prattiku jew jekk il-benesseri tagħhom ikun kompromess huma jinżammu iżolati f'xi post ieħor fl-istess azjenda b'tali mod li ma jkollhomx kuntatt ma' tjur oħra jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq f'azjendi oħra. Jittieħdu l-passi raġjonevoli kollha biex jiġi minimizzat il-kuntatt tagħhom ma' għasafar selvaġġi;

(b) huma soġġetti għal sorveljanza u testijiet ulterjuri skond il-manwal dijanjostiku u ma jiġux imċaqalqa sakemm it-testijiet tal-laboratorju jkunu indikaw li m'għadhomx ta' riskju sinifikanti li jxerrdu aktar l-HPAI;

u

(ċ) ma jiġux mċaqalqa mill-azjenda ta' oriġini, ħlief biex jitbiċċru jew għal azjenda oħra:

(i) li tinsab fl-istess Stat Membru, skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti;

jew

(ii) fi Stat Membru ieħor, soġġett għall-qbil ta' l-Istat Membru destinatarju.

3. L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri previsti fl-Artikolu 11(5), biex il-bajd jintbagħat direttament lejn stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif jidher fil-Kapitolu II tat-Taqsima X ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

▼B

Kwalunkwe awtorizzazzjoni għandha tkunu soġġetta għall-kondizzjonijiet imniżżla fl-Anness III għal din id-Direttiva.

Artikolu 14

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-HPAI f'unitajiet ta' produzzjoni separati

F'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-HPAI f'azjenda li tikkonsisti f'żewġ unitajiet ta' produzzjoni separati jew aktar, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri previsti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 11(2) għal unitajiet ta' produzzjoni li fihom tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq fejn il-preżenza ta' l-HPAI mhijiex suspettata, sakemm tali derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-marda.

Tali derogi għandhom jingħataw biss fir-rigward ta' żewġ unitajiet ta' produzzjoni separati jew aktar fejn il-veterinarju uffiċjali, b'kont meħud ta' l-istruttura, id-daqs, l-operazzjoni, it-tip ta' bini, l-għalf, l-għajn ta' ilma, it-tagħmir, l-impjegati u l-persuni li jżuru l-azjenda, huwa sodisfatt li huma għal kollox indipendenti minn unitajiet ta' produzzjoni oħra f'termini ta' post u amministrazzjoni ta' kuljum tat-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq li jinżammu hemm.

Artikolu 15

Miżuri li għandhom jiġu applikati għall-azjendi milquta

1. Abbażi ta' l-inkjesta epidemjoloġika, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk azjenda għandhiex titqies bħala azjenda milquta.

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri previsti fl-Artikolu 7(2) jiġu applikati għall-azjendi milquta sakemm il-preżenza ta' l-HPAI tkun ġiet eskluża skond il-manwal dijanjostiku.

2. Abbażi ta' l-inkjesta epidemjoloġika, l-awtorità kompetenti tista' tapplika l-miżuri previsti fl-Artikolu 11 lill-azjendi milquta u b'mod partikulari jekk l-azjenda milquta tinsab f'żona b'densità għolja ta' tjur.

Il-kriterji ewlenin li għandhom jitqiesu għall-applikazzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 11 għall-azjendi milquta huma mniżżla fl-Anness IV.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu kampjuni mit-tjur u minn għasafar oħra miżmuma fil-magħluq meta jinqatlu sabiex tiġi kkonfermata jew eskluża l-preżenza tal-virus ta' l-HPAI f'dawk l-azjendi milquta, skond il-manwal dijanjostiku.

4. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, fl-azjendi kollha fejn tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jiġu maqtula u mormija u sussegwentement l-influwenza tat-tjur tiġi kkonfermata, il-bini u kwalunkwe tagħmir li x'aktarx huwa kkontaminat u l-vetturi użati għat-trasport ta' tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, karkassi, laħam, għalf, demel, demel likwidu, imfierex u ta' kwalunkwe materjal jew sustanza oħra li x'aktarx huma kkontaminati jgħaddu minn waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48.

▼B

TAQSIMA 2

Żoni ta' protezzjoni, ta' sorveljanza u żoni ristretti oħra

Artikolu 16

L-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni, sorveljanza u żoni ristretti oħra f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-HPAI

1. Immedjatament wara tifqigħa ta' l-HPAI, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi:

(a) żona ta' protezzjoni b'raġġ ta' mill-inqas tliet kilometri madwar l-azjenda;

(b) żona ta' sorveljanza b'raġġ ta' mill-inqas 10 kilometri madwar l-azjenda, inkluża ż-żona ta' protezzjoni.

2. Jekk it-tfaqqigħ ta' l-HPAI huwa kkonfermat f'għasafar oħra miżmuma fil-magħluq f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, żu, ħanut ta' l-għasafar domestiċi, park ta' l-annimali selvaġġi, żona magħluqa fejn jinżammu tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi fil-periklu li jispiċċaw jew razez rari ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li huma reġistrati uffiċjalment li mhumiex tjur, l-awtorità kompetenti, wara valutazzjoni ta' riskju, tista' tidderoga safejn hu meħtieġ mid-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet 2 sa 4 dwar l-istabbiliment taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u l-miżuri li jridu jiġu applikati hemmhekk, sakemm dawn id-derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-marda.

3. Meta jiġu stabbiliti żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, kif previst fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha mill-inqas tieħu kont ta' dawn il-kriterji:

(a) l-inkjesta epidemjoloġika;

(b) is-sitwazzjoni ġeografika, b'mod partikolari l-fruntieri naturali;

(ċ) fejn jinsabu l-azjendi u kemm huma qrib ta' xulxin u n-numru stmat ta' tjur;

(d) skema taċ-ċaqliq ta' u l-modi kif jiġu negozjati t-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq;

(e) il-faċilitajiet u l-persunal disponibbli għall-kontroll ta' kwalunkwe ċaqliq fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza ta' tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, il-karkassi, id-demel, l-imfierex jew il-mifrex użat tagħhom, b'mod partikolari jekk it-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq li jridu jinqatlu u jintremew iridu jiġu mressqa mill-azjenda ta' oriġini tagħhom.

4. L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi żoni ristretti oħra madwar jew li jmissu maż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, b'kont meħud tal-kriterji previsti fil-paragrafu 3.

5. Jekk żona ta' protezzjoni, sorveljanza jew żona oħra ristretta tkopri t-territorji ta' Stati Membri differenti, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkollaboraw sabiex iż-żona tiġi stabbilita.

Artikolu 17

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza

1. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jiġu applikati dawn il-miżuri fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza:

(a) li jsiru arranġamenti li jippermettu l-ittraċċar ta' kwalunkwe ħaġa li x'aktarx ixxerred il-virus ta' l-influwenza tat-tjur inklużi tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, laħam, bajd, karkassi, għalf,

▼B

mifrex użat, persuni li kellhom kuntatt mat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq infettati jew vetturi b'konnessjoni ma' l-industrija tat-tjur;

(b) il-proprjetarji għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti, meta mitluba, kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar it-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq u l-bajd li jidħlu fi, jew joħorġu mill-azjenda.

2. L-awtorità kompetenti għandha ttieħu l-passi raġonevoli kollha biex tiżgura li l-persuni kollha fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza affettwati bir-restrizzjonijiet ikkonċernati huma konxji bis-sħiħ dwar ir-restrizzjonijiet li hemm.

Dik l-informazzjoni tista' tintbagħat permezz ta' avviżi ta' twissija, riżorsi tal-medja bħall-istampa u t-televixin jew bi kwalunkwe mezz ieħor pertinenti.

3. L-awtorità kompetenti tista', fejn l-informazzjoni epidemjoloġika jew evidenzi oħra jindikaw, timplimenta programm ta' eradikazzjoni preventiva, inkluż tbiċċir preventiv jew qtil tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, f'azjendi u żoni li qegħdin f'riskju.

4. L-Istati Membri li japplikaw il-miżuri previsti fil-paragrafu 3 għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan, u l-Kummssjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni ma' l-Istati Membri kkonċernati u fil-Kumitat mill-iktar fis possibbli.

TAQSIMA 3

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni

Artikolu 18

Ċensiment u żjarat mill-veterinarju uffiċjali u sorveljanza

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri li ġejjin jiġu applikati fiż-żoni ta' protezzjoni:

(a) isir ċensiment ta' l-azjendi kollha mill-aktar fis possibbli;

(b) issir żjara fl-azjendi kummerċjali kollha minn veterinarju uffiċjali mill-iktar fis possibbi għal eżami kliniku tat-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq u, jekk meħtieġ, il-ġbir ta' kampjuni għal testijiet tal-laboratorju skond il-manwal dijanjostiku; għandu jinżamm rekord ta' tali żjarat u s-sejbiet tagħhom; issir żjara fl-azjendi mhux kummerċjali minn veterinarju uffiċjali qabel ma titneħħa ż-żona ta' protezzjoni;

(ċ) tiġi implimentata minnufih sorveljanza addizzjonali skond il-manwal dijanjostiku sabiex jiġi identifikat kwalunkwe tixrid ulterjuri ta' l-influwenza tat-tjur fl-azjendi li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni.

Artikolu 19

Miżuri li għandhom jiġu applikati għall-azjendi fiż-żoni ta' protezzjoni

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri li ġejjin jiġu applikati għall-azjendi fiż-żoni ta' protezzjoni:

(a) it-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq kollha jitpoġġew ġewwa bini fl-azjenda tagħhom u jinżammu hemmhekk. Meta dan ma jkunx prattiku jew jekk il-benesseri tagħhom ikun kompromess,

▼B

huma jinżammu iżolati f'xi post ieħor fl-istess azjenda b'tali mod li ma jkollhomx kuntatt ma' tjur oħra jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq f'azjendi oħra. Jittieħdu l-passi raġjonevoli kollha biex jiġi minimizzat il-kuntatt tagħhom ma' għasafar selvaġġi;

(b) il-karkassi jintremew mill-iktar fis possibbli;

(ċ) il-vetturi u t-tagħmir użati għat-trasport ta' laħam ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin, għalf, demel, demel likwidu u mfierex u kwalunkwe materjal jew sustanza oħra li x'aktarx huma kkontaminati, jgħaddu mill-iktar fis possibbli minn waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48;

(d) il-partijiet tal-vetturi kollha użati minn impjegati jew persuni oħra li jidħlu fi jew jitilqu minn azjendi u li x'aktarx ġew ikkontaminati jgħaddu mill-iktar fis possibbli minn waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48;

(e) ebda tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew mammiferi domestiċi ma jistgħu jidħlu fi, jew jitilqu minn azjenda mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti. Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għal mammiferi li għandhom aċċess biss għall-kwartieri fejn jgħixu l-bnedmin u fejn huma:

(i) m'għandhom ebda kuntatt ma' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq residenti,

u

(ii) m'għandhom ebda aċċess għal kwalunkwe gaġġa jew żona fejn jinżammu tali tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq residenti;

(f) kwalunkwe żieda fil-morbożità jew fil-mortalità jew tnaqqis sinifikanti fid-*data* ta' produzzjoni fl-azjendi tiġi rrapportata minnufih lill-awtorità kompetenti, li għandha twettaq l-investigazzjonijiet xierqa skond il-manwal dijanjostiku;

(g) kwalunkwe persuna li tidħol fi jew titlaq minnażjendi tħares il-miżuri ta' bijosigurtà xierqa li għandhom l-għan li jevitaw it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur;

(h) rekords dwar il-persuni kollha li jżuru l-azjendi, ħlief għal djar, jinżammu mill-propjetarju sabiex jiġu ffaċilitati s-sorveljanza u l-kontroll tal-marda u dawn għandhom ikunu disponibbli meta mitluba mill-awtorità kompetenti. M'hemmx bżonn li tali rekords jinżammu f'każ ta' persuni li jżuru azjendi bħal żuwijiet u parks ta' l-annimali selvaġġi fejn m'għandhomx aċċess għaż-żoni fejn jinżammu l-għasafar.

Artikolu 20

Projbizzjoni fuq it-tneħħija jew it-tixrid ta' mifrex użat, demel jew demel likwidu mill-azjendi

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-tneħħija jew it-tixrid ta' mifrex użat, demel jew demel likwidu mill-azjendi fiż-żoni ta' protezzjoni huma pprojbiti, sakemm mhux awtorizzati minnha. Madankollu, iċ-ċaqliq ta' demel jew demel likwidu jista' jiġi awtorizzat minn azjendi li huma taħt miżuri ta' bijosigurtà għal impjant magħżul għat-trattament jew għall-ħażna intermedja għal trattament sussegwenti biex tinqered il-preżenza possibli ta' viruses ta' l-influwenza tat-tjur skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew skond regoli speċifiċi li jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64 (2).

▼B

Artikolu 21

Fieri, swieq jew ġabriet oħra u tgħammir mill-ġdid ta' l-animali tal-kaċċa

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li fieri, swieq, wirjiet jew ġabriet oħra ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq huma pprojbiti fiż-żoni ta' protezzjoni.

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq għat-tgħammir mill-ġdid ta' l-annimali tal-kaċċa m'għandhomx jinħelsu f'żoni ta' protezzjoni.

Artikolu 22

Projbizzjoni fuq iċ-ċaqliq u t-trasport ta' għasafar, bajd, laħam tat-tjur u karkassi

1) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li fiż-żoni ta' protezzjoni, il-moviment u t-trasport mill-azjendi għal fuq it-toroq, minbarra toroq privati tas-servizz ta' azjendi, jew bil-ferrovija, ta' tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, tjur li se jifthu jbidu, flieles ta' jum, bajd u karkassi huma pprojbiti.

2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-trasport tal-laħam tat-tjur mill-biċċeriji, stabbilimenti tat-tqattigħ u l-imħażen tal-friża jkun projbit sakemm ma jkunx ġie prodott:

(a) minn tjur li oriġina barra ż-żoni ta' protezzjoni u ġie maħżun u trasportat separatament mil-laħam ta' tjur minn ġewwa ż-żoni ta' protezzjoni;

jew

(b) f'data minn ta' l-inqas 21 jum qabel id-data stmata ta' l-ewwel infezzjoni f'azjenda fiż-żona ta' protezzjoni u li mill-mument tal-produzzjoni ġie maħżun u trasportat separatament minn tali laħam prodott wara dik id-data.

3) Madankollu, il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għall-passaġġ miż-żona ta' protezzjoni permezz ta' toroq jew bil-ferrovija mingħajr ħatt jew waqfien.

Artikolu 23

Derogi għat-trasport dirett tat-tjur biex jiġi mbiċċer minnufih u ċ-ċaqliq jew trattament tal-laħam tat-tjur

1. B'deroga mill-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' tjur li joriġina minn azjenda f'żona protetta biex jiġi mbiċċer minnufih għal biċċerija magħżula soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jitwettaq eżami kliniku tat-tjur fl-azjenda ta' oriġini minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa minn mindu jkunu intbagħtu għall-biċċerija;

(b) fejn opportun, ikunu saru testijiet tal-laboratorju fuq tjur fl-azjenda ta' oriġini skond il-manwal dijanjostiku, b'riżultati favorevoli;

(ċ) it-tjur jiġu ttrasportati f'vetturi ssiġillati mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha;

(d) l-awtorità kompetenti responsabbli għall-biċċerija l-magħżula tkun infurmata u taqbel li tirċievi t-tjur u mbagħad tikkonferma t-tbiċċir lill-awtorità kompetenti tad-dispaċċ

(e) it-tjur miż-żona ta' protezzjoni jinżammu separati minn tjur oħra u jiġu mbiċċra separatament jew f'ħinijiet differenti minn tjur oħra,

▼B

preferibbilment fit-tmiem tal-jum tax-xogħol; it-tindif u d-diżinfezzjoni sussegwenti għandhom jitlestew qabel jiġu mbiċċra tjur oħra;

(f) il-veterinarju uffiċjali għandu jiżgura li jitwettaq eżami dettaljat tat-tjur fil-biċċeriji magħżula meta t-tjur jaslu u wara li jiġu mbiċċra;

(g) il-laħam ma jidħolx f'kummerċ intra-Komunitarju jew internazzjonali u fih il-marka tas-saħħa għal-laħam frisk prevista fl-Anness II għad-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-produzzjoni, l-iproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li ġejjin mill-annimali għall-konsum tal-bniedem ([1]), sakemm ma jiġiex deċiż mod ieħor skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3) ta' din id-Direttiva;

(h) il-laħam jiġi meħud, mqatta', ttrasportat u maħżun separatament minn laħam maħsub għall-kummerċ intra-Komunitarju u internazzjonali u jintuża b'tali mod li jiġi evitat li jiġi introdott fi prodotti tal-laħam maħsuba għall-kummerċ intra-Komunitarju u internazzjonali, sakemm:

(i) ma jkunx għadda minn trattament stabbilit fl-Anness III għad-Direttiva 2002/99/KE;

jew

(ii) ma jiġix deċiż mod ieħor skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

2. B'deroga mill-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' tjur li jinsabu barra miż-żona protetta biex jiġu mbiċċra minnufih għal biċċerija magħżula ġewwa ż-żona ta' protezzjoni u ċ-ċaqliq sussegwenti tal-laħam li ġej minn tali tjur dment li:

(a) l-awtorità kompetenti responsabbli għall-biċċerija l-magħżula tkun infurmata u taqbel li tirċievi t-tjur u mbagħad tikkonferma t-tbiċċir lill-awtorità kompetenti tad-dispaċċ;

(b) it-tjur jinżammu separati minn tjur oħra li joriġinaw minn ġewwa ż-żona ta' protezzjoni u jiġu mbiċċra separatament jew f'mumenti differenti mit-tjur l-oħra;

(ċ) il-laħam tat-tjur prodott jiġi mqatta', trasportat u maħżun separatament mil-laħam tat-tjur miksub minn tjur oħra li joriġinaw fiż-żona ta' protezzjoni;

(d) il-prodotti sekondarji jintremew.

Artikolu 24

Derogi għat-trasport dirett tal-flieles ta' jum

1. B'deroga mill-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' flieles ta' jum li joriġinaw minn azjendi fiż-żona protettiva lejn azjenda jew barrakka ta' dik l-azjenda fl-istess Stat Membru, li preferibbilment tinsab barra miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma jiġu ttrasportati f'vetturi ssiġillati mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha;

(b) jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà xierqa matul it-trasport u fl-azjenda destinatarja;

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

▼B

(ċ) l-azjenda destinatarja titqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tal-flieles ta' jum;

(d) jekk jiġu mċaqalqa barra miż-żona ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza, it-tjur għandhom jibqgħu fl-ażjenda destinatarja għal mill-inqas 21 jum.

2. B'deroga mill-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' flieles ta' jum imfaqqsa minn bajd li joriġina minn azjendi li jinsabu barra miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, lejn kwalunkwe azjenda oħra fl-istess Stat Membru, li preferibbilment tinsab barra miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, sakemm il-mafqas taddispaċċ jista' jiżgura permezz tal-loġistika u l-kondizzjonijiet ta' ħidma iġjeniċi tiegħu, li ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn dawk il-bajd u bajd ieħor għat-tifqis jew flieles ta' jum li joriġinaw minn qatgħat ta' tjur fi ħdan tali żoni u li għalhekk għandhom status ta' saħħa differenti.

Artikolu 25

Derogi għat-trasport dirett ta' tjur ta' l-irziezet lesti biex ibidu

B'deroga mill-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' tjur lesti biex ibidu lejn azjenda jew barrakka ta' dik l-azjenda li preferibbilment tinsab fiż-żona ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza fejn ma hemm ebda tjur oħra, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) eżami kliniku tat-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq fl-azjenda ta' oriġini u b'mod partikolari ta' dawk li jridu jiġu mċaqalqa jitwettaq mill-veterinarju uffiċjali;

(b) fejn opportun, ikunu saru testijiet tal-laboratorju fuq tjur fl-azjenda ta' oriġini skond il-manwal dijanjostiku b'riżultati favorevoli;

(ċ) it-tjur lesti biex ibidu jiġu ttrasportati f'vetturi ssiġillati mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha;

(d) l-azjenda jew il-barrakka destinatarja titqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tat-tjur lesti biex ibidu;

(e) jekk jiġu mċaqalqa barra miż-żona ta' protezzjoni jew ta' sorveljanza, it-tjur għandhom jibqgħu fl-ażjenda destinatarja għal mill-inqas 21 jum.

Artikolu 26

Deroga għat-trasport dirett ta' bajd għat-tifqis u bajd għall-ikel

1. B'deroga mill-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' bajd għat-tifqis jew minn azjenda lejn mafqas li jinsab fiż-żona protetta u magħżul mill-awtorità kompetenti ("il-mafqas magħżul"), jew, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin, minn azjenda li tinsab fiż-żona ta' protezzjoni għal kwalunkwe mafqas magħżul:

(a) il-qatgħat tal-ġenituri li minnhom ġie l-bajd għat-tifqis ġew eżaminati skond il-manwal dijanjostiku u l-influwenza tat-tjur ma tkunx suspettata fuq dawn l-azjendi;

(b) il-bajd għat-tifqis u l-imballaġ tagħhom jiġu diżinfettati qabel iddispaċċ u t-traċċar lura ta' dan il-bajd jista' jiġi żgurat;

▼B

(ċ) il-bajd għat-tifqis jiġi ttrasportat f'vetturi ssiġillati mill-awtorità kompetenti jew taħt is-superviżjoni tagħha;

(d) jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà fil-mafqas magħżul skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

2. B'deroga mill-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett tal-bajd:

(a) lejn ċentru ta' ppakkjar magħżul mill-awtorità kompetenti ("iċ-ċentru ta' ppakkjar magħżul"), sakemm jiġu ppakkjati f'imballaġ li jista' jintrema u li jiġu applikati l-miżuri ta' bijosigurtà kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti;

(b) stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitoli II tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattatiskond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

jew

(ċ) għar-rimi.

Artikolu 27

Deroga għat-trasport dirett tal-karkassi

B'deroga mill-Artikolu 22, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' karkassi sakemm jiġu ttrasportati biex jintremew.

Artikolu 28

Tindif u diżinfezzjoni tal-mezzi ta' trasport

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-vetturi u t-tagħmir użati għat-trasport kif previst fl-Artikoli 23 sa 27 jiġu mnaddfa u ddiżinfettati mingħajr dewmien permezz ta' waħda jew aktar mill-proċeduri mniżżla fl-Artikolu 48 wara t-trasport.

Artikolu 29

Tul tal-miżuri

1. Il-miżuri previsti f'din it-taqsima għandhom jiżammu għal mill-inqas 21 jum wara d-data tat-tlestija tad-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari fl-azjenda infettata permezz ta' waħda jew aktar mill-proċeduri mniżżla fl-Artikolu 48 u sakemm l-azjendi li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni jkunu ġew ittestjati skond il-manwal dijanjostiku.

2. Meta l-miżuri msemmija f'din it-Taqsima ma jkollhomx jibqgħu jinżammu, kif previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-miżuri li jidhru fl-Artikolu 30 għandhom japplikaw f'dik li qabel kienet iż-żona ta' protezzjoni, sakemm ma jibqgħux iridu jiġu applikati kif previst fl-Artikolu 31.

TAQSIMA 4

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' sorveljanza

Artikolu 30

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żoni ta' sorveljanza

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri li ġejjin jiġu applikati fiż-żoni ta' sorveljanza:

(a) isir ċensiment ta' l-azjendi tat-tjur kollha mill-aktar fis possibbli;

▼B

(b) iċ-ċaqliq ta' tjur, tjur lesti biex ibidu, flieles ta' jum, bajd fiż-żona ta' sorveljanza jiġi pprojbit sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, li tiżgura li jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà xierqa biex jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur; din il-projbizzjoni m'għandhiex tapplika għall-passaġġ miż-żona ta' sorveljanza permezz ta' toroq jew bil-ferrovija mingħajr ħatt jew waqfien;

(ċ) iċ-ċaqliq ta' tjur, tjur lesti biex ibidu, flieles ta' jum u bajd lejn azjendi, biċċeriji, ċentri ta' ppakkjar jew stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd li jinsabu barra miż-żona ta' sorveljanza jiġi pprojbit; madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta':

(i) tjur għat-tbiċċir lejn biċċerija magħżula, biex jitbiċċer minnufih, soġġett għall- Artikolu 23(1) punti (a) (b) u (d);

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport dirett ta' tjur li jinsabu barra miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza biex jiġu mbiċċra minnufih għal biċċerija magħżula ġewwa ż-żona ta' sorveljanza u ċ-ċaqliq sussegwenti tal-laħam li ġej minn tali tjur;

(ii) tjur lesti biex ibidu lejn azjenda fl-istess Stat Membru fejn m'hemm ebda tjur oħra; dik l-azjenda għandha titqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tat-tjur lesti biex ibidu u t-tjur li lesti biex ibidu għandhom jibqgħu fl-ażjenda destinatarja għal mill-inqas 21 jum;

(iii) flieles ta' jum:

lejn azjenda jew barrakka ta' din l-azjenda fl-istess Stat Membru sakemm jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà xierqa u l-azjenda titqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara t-trasport u flieles ta' jum għandhom jibqgħu fl-ażjenda destinatarja għal mill-inqas 21 jum,

jew

jekk imfaqqsa minn bajd għat-tifqis li joriġina minn azjendi ta' tjur li jinsabu barra miż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza, lejn kwalunkwe azjenda oħra, sakemm il-mafqas tad-dispaċċ jista' jiżgura permezz tal-loġistika u l-kondizzjonijiet ta' ħidma tal-bijosigurtà tiegħu li ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn dan il-bajd u bajd ieħor għat-tifqis jew flieles ta' jum li joriġinaw minn qatgħat ta' tjur ġewwa dawk iż-żoni u li għalhekk għandhom status tas-saħħa differenti;

(iv) bajd għat-tifqis għal mafqas magħżul li jinsab ġewwa jew barra ż-żona ta' sorveljanza; il-bajd u l-imballaġ tagħhom għandhom jiġu diżinfettati qabel id-dispaċċ u t-traċċar lura ta' dawn il-bajd irid jiġi żgurat;

(v) bajd għall-ikel lejn ċentru ta' l-ippakkjar magħżul, sakemm huma ppakkjati f'imballaġ li jista' jintrema u jiġu applikati l-miżuri kollha ta' bijosigurtà mitluba mill-awtorità kompetenti;

(vi) bajd lejn stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif jidher fil-Kapitolu II tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 li jinsab ġewwa jew barra ż-żona ta' sorveljanza;

(vii) bajd għar-rimi;

▼B

(d) kwalunkwe persuna li tidħol fi jew titlaq minn azjendi fiż-żona ta' sorveljanza għandha tosserva l-miżuri ta' bijosigurtà xierqa maħsuba biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur;

(e) vetturi u tagħmir użati għat-trasport ta' tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin, karkassi, għalf, demel, demel likwidu u mfierex, u kwalunkwe materjal jew sustanza oħra li x'aktarx huma kkontaminati, jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati mingħajr dewmien wara l-kontaminazzjoni permezz ta' waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48;

(f) ebda tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew mammiferi domestiċi ma jistgħu jidħlu fi, jew jitilqu minn azjenda fejn jinżammu t-tjur mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti; Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għal mammiferi li għandhom aċċess biss għall-kwartieri fejn jgħixu l-bnedmin u fejn huma:

(i) m'għandhom ebda kuntatt ma' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq residenti,

u

(ii) m'għandhom ebda aċċess għal kwalunkwe gaġġa jew żona fejn jinżammu tali tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq residenti.

(g) kwalunkwe żieda fil-morbożità jew fil-mortalità jew tnaqqis sinifikanti fid-*data* ta' produzzjoni fl-azjendi tiġi rrapportata minnufih lill-awtorità kompetenti, li għandha twettaq l-investigazzjonijiet xierqa skond il-manwal dijanjostiku;

(h) it-tneħħija jew it-tixrid ta' mifrex użat, demel jew demel likwidu huma pprojbiti sakemm ma jkunux awtorizzati mill-awtorità kompetenti; jista' jiġi awtorizzat iċ-ċaqliq ta' demel minn azjenda li tinsab fiż-żona ta' sorveljanza taħt miżuri ta' bijosigurtà lejn impjant magħżul għat-trattament jew għall-ħażna intermedja għal trattament sussegwenti biex tiġi meqruda l-preżenza possibbli tal-viruses ta' l-influwenza tat-tjur, skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew ir-regoli speċifiċi li jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2);

(i) fieri, swieq, wirjiet jew ġabriet oħra ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq huma pprojbiti;

(j) tjur maħsubin għat-tgħammir mill-ġdid ta' l-annimali tal-kaċċa ma jinħelsux.

Artikolu 31

Tul tal-miżuri

Il-miżuri previsti f'din it-Taqsima għandhom jiżammu għal mill-inqas 30 jum wara d-data tat-tlestija tad-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari fl-azjenda infettata skond l-Artikolu 48.

TAQSIMA 5

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'żoni ristretti oħra

Artikolu 32

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'żoni ristretti oħrajn

1. L-awtorità kompetenti tista' tipprovdi li wħud mill-miżuri jew

▼B

il-miżuri kollha previsti fit-Taqsimiet 3 u 4 għandhom japplikaw fiż-żoni ristretti l-oħra previsti fl-Artikolu 16(4) ("iż-żoni ristretti l-oħra").

2. L-awtorità kompetenti tista', fejn l-informazzjoni epidemjoloġika jew evidenzi oħra jindikaw, timplimenta programm ta' eradikazzjoni preventiva, inkluż tbiċċir preventiv jew qtil ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, f'azjendi u żoni li qiegħdin f'riskju, skond il-kriterji ta' l-Anness IV, li jkunu f'żoni ristretti oħra.

It-tgħammir mill-ġdid ta' dawk l-azjendi għandu jsir skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti.

3. L-Istati Membri li japplikaw il-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni ma' l-Istati Membri kkonċernati u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

5. Mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju [1], miżuri ulterjuri ta' sorveljanza, bijosigurtà u kontroll biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

TAQSIMA 6

Derogi u miżuri addizzjonali ta' bijosigurtà

Artikolu 33

Derogi

1. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-arranġamenti dettaljati li taħthom huma jkunu jistgħu jagħtu d-derogi previsti fl-Artikoli 16 u 23 sa 27, inklużi miżuri u kondizzjonijiet alternattivi xierqa. Tali derogi għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni ta' riskju mwettqa mill-awtorità kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti tista', abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, tagħti derogi mill-miżuri previsti fit-Taqsimiet 3 u 4 f'każijiet ta' konferma ta' l-HPAI f'mafqas.

3. L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri previsti fil-punti (b) u (ċ) ta' l-Artikolu 18, l-Artikolu 22 u l-punti (b), (ċ) u (f) ta' l-Artikolu 30 f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-HPAI f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, żu, park ta' l-annimali selvaġġi, żona magħluqa fejn jinżammu tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi li jinsabu fil-periklu jew razez rari ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq reġistrati uffiċjalment.

4. B'deroga mit-Taqsimiet 3 u 4, f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-HPAI l-Istati Membri jistgħu, abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, jintroduċu miżuri speċifiċi dwar iċ-ċaqliq ta' ħamiem tat-tlielaq fi, minn u ġewwa ż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza.

5. Id-derogi previsti fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jingħataw biss sakemm it-tali derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-marda.

6. L-Istati Membri li jagħtu d-derogi previsti fil-paragrafi 1 sa 4 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

[1] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19.

▼B

7. Il-Kummissjoni għandha fil-każijiet kollha teżamina s-sitwazzjoni ma' l-Istat Membru kkonċernat u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

B'kont meħud ta' kwalunkwe deroga mogħtija, kif prevista fil-paragrafi 1 sa 4 miżuri biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

8. Kwalunkwe tjur (inkluż flieles ta' jum), għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, bajd għat-tifqis, mifrex użat, demel jew demel likwidu li ġejjin minnażjenda li ngħata deroga taħt dan l-Artikolu, ma jistax jiġi kummerċjalizzat barra l-Istat Membru kkonċernat sakemm jiġi deċiż mod ieħor skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

Artikolu 34

Miżuri addizjonali ta' bijosigurtà

1. Sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur, l-awtorità kompetenti tista', flimkien mal-miżuri previsti fit-Taqsimiet 4, 5 u 6, tordna l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' bijosigurtà addizzjonali f'azjendi fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza u fiż-żoni ristretti l-oħra, kif ukoll f'kumpartimenti tat-tjur u f'kumpartimenti ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq fl-Istat Membru kkonċernat.

Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq ta' vetturi jew persuni għal provvista ta' għalf, ġbir tal-bajd, it-trasport ta' tjur lejn biċċeriji, il-ġbir ta' karkassi għar-rimi, u ċaqliq ieħor ta' persunal, veterinarji jew persuni li jipprovdu tagħmir għall-azjendi agrikoli.

2. L-Istati Membri li jadottaw miżuri, kif previst fil-paragrafu 1, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni ma' l-Istat Membru kkonċernat u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

4. Mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE, miżuri ulterjuri ta' sorveljanza, bijosigurtà u kontroll biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

TAQSIMA 7

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'każijiet ta' suspett u konferma ta' l-Influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli (hpai) f'ċerti postijiet minbarra f'azjendi u f'mezzi tat-trasport

Artikolu 35

Investigazzjoni dwar preżenza suspettata ta' l-HPAI f'biċċeriji u f'mezzi tat-trasport

Fejn hemm suspett jew konferma tal-preżenza ta' l-HPAI f'biċċeriji jew f'mezzi tat-trasport, l-awtorità kompetenti għandha tibda investigazzjoni minnufih fl-azjenda ta' oriġini tat-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq biex tikkonferma jew teskludi l-preżenza tagħha skond il-manwal dijanjostiku.

▼B

Artikolu 36

Miżuri li għandhom jiġu applikati fil-biċċeriji

1. Fejn l-HPAI hija suspettata jew ikkonfermata f'biċċerija, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, it-tjur kollha preżenti fil-biċċerija jinqatlu jew jitbiċċru mill-aktar fis possibbli taħt superviżjoni uffiċjali.

Meta jiġu mbiċċra tali tjur, il-laħam tat-tjur u kwalunkwe prodott sekondarju li ġej mit-tjur u l-laħam tat-tjur u l-prodotti sekondarji ta' kwalunkwe tajr ieħor li setgħu ġew ikkontaminati waqt il-proċess ta' tbiċċir u produzzjoni, għandhom jinżammu separati u taħt superviżjoni uffiċjali sakemm l-investigazzjonijet skond il-manwal dijanjostiku jitlestew.

2. Jekk tiġi kkonfermata l-HPAI, il-laħam tat-tjur u kwalunkwe prodott sekondarju li ġej mit-tjur u l-laħam tat-tjur u l-prodotti sekondarji ta' kwalunkwe tajr ieħor li setgħu ġew ikkontaminati waqt il-proċess ta' tbiċċir u produzzjoni, għandhom jintremew mill-iktar fis possibbli taħt superviżjoni uffiċjali.

Artikolu 37

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew f'mezzi tat-trasport

1. Fejn l-HPAI hija suspettata jew ikkonfermata f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew f'mezzi tat-trasport, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, it-tjur u l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq kollha preżenti fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew fil-mezzi tat-trasport jiġi maqtula, imbiċċra jew jitqiegħdu f'iżolament 'l bogħod minn tjur u għasafar miżmuma fil-magħluq oħra u miżmuma taħt sorveljanza uffiċjali sakemm titlesta l-investigazzjoni skond il-manwal dijanjostiku. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-miżuri previsti fl-Artikolu 7 skond il-każ.

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza ċ-ċaqliq tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq lejn post ieħor fejn dawn jiġu maqtula, imbiċċra jew imqiegħda f'iżolament.

L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma toqtolx jew ma tbiċċirx dawk it-tjur jew għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq preżenti fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew fil-mezzi tat-trasport li ma ġewx f'kuntatt ma' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq suspettati li huma infettati.

2. Meta jiġu mbiċċra tjur msemmija fil-paragrafu 1, il-laħam tat-tjur u kwalunkwe prodott sekondarju li ġej mit-tjur u l-laħam tat-tjur u l-prodotti sekondarji ta' kwalunkwe tajr ieħor li setgħu ġew ikkontaminati waqt il-proċess ta' tbiċċir u produzzjoni, għandhom jinżammu separati u taħt superviżjoni uffiċjali sakemm l-investigazzjonijet skond il-manwal dijanjostiku jitlestew.

3. Jekk tiġi kkonfermata l-HPAI, il-laħam tat-tjur u kwalunkwe prodott sekondarju li ġej minn dawk it-tjur u l-laħam tat-tjur u l-prodotti sekondarji ta' kwalunkwe tajr ieħor li setgħu ġew ikkontaminati waqt il-proċess ta' tbiċċir u produzzjoni, għandhom jintremew mill-iktar fis possibbli taħt superviżjoni uffiċjali.

▼B

Artikolu 38

Miżuri addizzjonali li għandhom jiġu applikati għal biċċeriji, postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew mezzi tat-trasport

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri addizzjonali li ġejjin jiġu applikati fejn hija suspettata jew ikkonfermata l-preżenza ta' l-HPAI f'biċċeriji, postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew mezzi tat-trasport:

(a) ebda tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ma jiġu introdotti fil-biċċerija, il-post ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew il-mezz tat-trasport sa mill-inqas 24 siegħa minn wara li t-tindif u d-diżinfezzjoni kif previst fil-punt (b) ikunu lesti permezz ta' waħda jew aktar mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 48; fil-każ ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri, il-projbizzjoni fuq l-introduzzjoni tista' tiġi estiża għal annimali oħra;

(b) it-tindif u d-diżinfezzjoni ta' bini, tagħmir u vetturi kkontaminati jsiru skond waħda jew aktar mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 48 u taħt superviżjoni uffiċjali tal-veterinarju uffiċjali;

(ċ) issir inkjesta epidemjoloġika;

(d) il-miżuri previsti fl-Artikolu 7(2) jiġu applikati għall-azjenda ta' oriġini tat-tjur jew tal-karkassi infettati u għall-azjendi milquta;

(e) sakemm mhux indikat mod ieħor mill-inkjesta epidemjoloġika u mill-investigazzjonijiet ulterjuri, kif previst fl-Artikolu 35, il-miżuri previsti fl-Artikolu 11 jiġu applikati għall-azjenda ta' oriġini;

(f) il-kampjun tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur jiġi soġġett għal testijiet tal-laboratorju sabiex jiġi identifikat is-sottotip tal-virus, skond il-manwal dijanjostiku.

KAPITOLU V

INFLUWENZA TAT-TJUR TA' LIVELL PATOĠENIKU BAXX (LPAI)

TAQSIMA 1

Miżuri li għandhom jiġu applikati għall-azjendi fejn it-tfaqqiegħ ikun konfermat

Artikolu 39

Miżuri li għandhom jiġu applikati

1. F'każ ta' tfaqqigħ tal-LPAI, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri previsti fil-punti (a), (b), (c), (e), (g) u (h) ta' l- Artikolu 7(2), l-Artikolu 7(3) u l-paragrafi minn 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu jiġu applikati abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju u b'kont meħud ta' mill-inqas il-kriterji stabbiliti fl-Anness V.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-popolazzjonjiet tat-tjur kollha fl-azjenda u ta' l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq kollha ta' l-ispeċi li fihom ġiet ikkonfermata l-LPAI jitneħħew taħt superviżjoni uffiċjali b'tali mod li jiġi evitat it-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur.

It-tnaqqis fil-popolazzjoni jista' jiġi estiż għal għasafar oħra miżmuma fil-magħluq fl-azjenda abbażi tal- valutazzjoni tar-riskju li jippreżentaw fir-rigward ta' tixrid ulterjuri ta' l-influwenza tat-tjur u għal azjendi oħra li jistgħu jitqiesu bħala azjendi milquta, abbażi ta' l-inkjesta epidemjoloġika.

▼B

Qabel it-tnaqqis fil-popolazzjoni, ebda tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq m'għandhom jidħlu fi, jew jitilqu mill-azjenda, sakemm mhux awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, it-tnaqqis fil-popolazzjoni għandu jsir skond id-Direttiva 93/119/KEE u l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk t-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq għandhomx:

(a) jinqatlu mill-aktar fis possibbli,

jew

(b) jiġu mbiċċra f'biċċerija magħżula skond il-paragrafu 4.

Fejn it-tnaqqis fil-popolazzjoni ssir permezz ta' tbiċċir f'biċċerija magħżula, it-tjur għandhom ikunu soġġetti għal sorveljanza u testijiet ulterjuri.

It-tjur m'għandhomx jiġu mċaqalqa mill-azjenda lejn il-biċċerija magħżula sakemm l-awtorità kompetenti, b'kont meħud, b'mod partikolari, ta' l-investigazzjonijiet u t-testijiet tal-laboratorju, mmirati biex jiġi determinat sa liema punt il-virus ħareġ ma' l-eskrementi mit-tjur, imwettqa skond il-manwal dijanjostiku u valutazzjoni ta' riskju, tkun sodisfatta li r-riskju li jinfirex aktar l-LPAI huwa minimu.

4. Tbiċċir f'biċċerija magħżula skond il-paragrafu 3 jista' jseħħ biss dment li:

(a) it-tjur jintbagħtu direttament mill-azjenda lejn il-biċċerija magħżula;

(b) kull kunsinna tiġi ssiġillata qabel id-dispaċċ mill-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-azjenda jew taħt is-superviżjoni tiegħu;

(ċ) kull kunsinna tibqa' ssiġillata matul it-trasport kollu sal-biċċerija magħżula;

(d) ikun hemm konformità ma' miżuri ulterjuri ta' bijosigurtà preskritti mill-awtorità kompetenti;

(e) l-awtorità kompetenti responsabbli għall-biċċerija l-magħżula tkun infurmata u taqbel li tirċievi t-tjur;

(f) vetturi u tagħmir użati għat-trasport ta' tjur ħajjin u kwalunkwe materjal jew sustanza oħra li x'aktarx huma kkontaminati jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati mingħajr dewmien wara l-kontaminazzjoni, permezz ta' waħda jew aktar mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 48,

u

(g) il-prodotti sekondarji ta' tali tjur fil-biċċerija jintremew.

5. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li dawn li ġejjin jintremew taħt superviżjoni uffiċjali:

(a) karkassi,

u

(b) bajd għat-tifqis li jinsab fl-azjenda.

6. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri li ġejjin:

(a) bajd għat-tifqis miġbur mill-azjenda matul il-perijodu bejn meta probabbilment ġiet introdotta l-LPAI fl-azjenda u t-teħid tal-miżuri previsti f'din id-Direttiva, jiġi, kull meta huwa possibli, traċċat u mfaqqas taħt sorveljanza uffiċjali;

(b) tjur diġà mfaqqsa minn bajd għat-tifqis miġbur mill-azjenda matul il-perijodu bejn meta probabbilment ġiet introdotta l-LPAI fl-azjenda u t-teħid tal-miżuri previsti f'din id-Direttiva, kull meta huwa

▼B

possibbli jitqiegħdu taħt sorveljanza uffiċjali u jitwettqu investigazzjonijiet skond il-manwal dijanjostiku;

(ċ) bajd li jinsab fl-azjenda u dak prodott ulterjorment fl-azjenda qabel it-tnaqqis fil-popolazzjoni kif prevista fil-paragrafu 2, jiġu trasportati sakemm ir-riskju tat-tixrid tal-LPAI jiġi minimizzat:

(i) lejn ċentru ta' ppakkjar magħżul mill-awtorità kompetenti ("iċ-ċentru ta' ppakkjar magħżul"), sakemm jiġu ppakkjati f'imballaġ li jista' jintrema u li jiġu applikati l-miżuri ta' bijosigurtà kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti;

(ii) lejn stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif jidher fil-Kapitolu II tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004;

jew

(iii) għar-rimi.

(d) kwalunkwe materjal jew sustanza li x'aktarx huma kkontaminati jiġu ttrattati skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali, jew jintremew;

(e) demel, demel likwidu u imfierex li x'aktarx huma kkontaminati jgħaddu minn waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48;

(f) wara t-tnaqqis fil-popolazzjoni, il-bini użat biex jinżammu t-tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, it-tagħmir li x'aktarx huwa kkontaminat u l-vetturi użati għat-trasport tal-karkassi, l-għalf, id-demel, id-demel likwidu u ta' l-imfierex jew ta' kwalunkwe materjal jew sustanza li x'aktarx huma kkontaminati jgħaddu mingħajr dewmien minn waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48;

(g) mammiferi ta' speċi domestiċi ma jidħlux fi jew joħorġu mill-azjenda mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti. Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għal mammiferi li għandhom aċċess biss għall-kwartieri fejn jgħixu l-bnedmin u fejn huma:

(i) m'għandhom ebda kuntatt ma' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq residenti,

u

(ii) m'għandhom ebda aċċess għal kwalunkwe gaġġa jew żona fejn jinżammu tali tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq residenti.

(h) fil-każ ta' tfaqqigħ primarju ta' l-LPAI, il-kampjun tal-virus jiġi soġġett għal testijiet tal-laboratorju biex jiġi identifikat is-sottotip tal-virus skond il-manwal dijanjostiku; il-kampjun tal-virus għandu jiġi sottomess lil-laboratorju Komunitarju ta' referenza, kif prevista fl-Artikolu 51(1), mill-aktar fis possibbli.

7. L-Istati Membri li japplikaw il-miżuri msemmija fil-paragrafi 2, 4 u 5 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Artikolu 40

Derogi għal ċerti azjendi

1. L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri previsti fl-Artikolu 39(2) u l-punt (b) ta' l-Artikolu 39(5) f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-LPAI f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, żu, park ta' l-annimali selvaġġi, żona

▼B

magħluqa fejn jinżammu tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq għal skopijiet xjentifiċi jew għal skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi fil-periklu jew razez rari ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq reġistrati uffiċjalment, sakemm tali derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-marda.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li fejn tingħata deroga, kif previst fil-paragrafu 1, it-tjur jew l-għasafar maqbuda l-oħra kkonċernati bid-deroga:

(a) jitpoġġew ġewwa bini fl-azjenda tagħhom u jinżammu hemmhekk. Meta dan ma jkunx prattiku jew jekk il-benesseri tagħhom ikun kompromess huma jinżammu iżolati f'xi post ieħor fl-istess azjenda b'tali mod li ma jkollhomx kuntatt ma' tjur oħra jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq f'azjendi oħra. Jittieħdu l-passi raġjonevoli kollha biex jiġi minimizzat il-kuntatt tagħhom ma' għasafar selvaġġi;

(b) huma soġġetti għal sorveljanza u testijiet ulterjuri skond il-manwal dijanjostiku u ma jiġux imċaqalqa sakemm it-testijiet tal-laboratorju jkunu indikaw li m'għadhomx ta' riskju sinifikanti li jxerrdu aktar l-LPAI;

u

(ċ) ma jiġux mċaqalqa mill-azjenda ta' oriġini, ħlief biex jitbiċċru jew għal azjenda oħra:

(i) li tinsab fl-istess Stat Membru, skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti;

jew

(ii) fi Stat Membru ieħor, soġġett għall-qbil ta' l-Istat Membru destinatarju.

3. L-awtorità kompetenti tista' f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-LPAI f'imfaqas, abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, tagħti derogi minn xi wħud mill-miżuri jew mill-miżuri kollha previsti fl-Artikolu 39.

4. L-Istati Membri għandhom ifasslu regoli dettaljati biex jiġu applikati d-derogi previsti fil-paragrafi 1 sa 3.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deroga mogħtija skond il-paragrafi 1 u 3.

6. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni ma' l-Istat Membru kkonċernat u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

7. B'kont meħud ta' kwalunkwe deroga mogħtija, kif previst fil-paragrafu 1, miżuri biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

TAQSIMA 2

Unitajiet ta' produzzjoni separati u azjendi milquta

Artikolu 41

Miżuri li għandhom jiġu applikati f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-LPAI f'unitajiet ta' produzzjoni separati

1. F'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-LPAI f'azjenda li tikkonsisti f'żewġ unitajiet ta' produzzjoni separati jew aktar, l-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri previsti fl-Artikolu 39(2), għall-unitajiet ta' produzzjoni li fihom tjur b'saħħithom, sakemm tali derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-marda.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom ifasslu regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-derogi previsti fil-paragrafu 1, b'kont meħud tal-garanziji tas-saħħa ta' l-annimali li jistgħu jinkisbu u għandhom jipprovdu għal miżuri xierqa alternattivi.

3. L-Istati Membri ghandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe deroga mogħtija skond il-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni ma' l-Istat Membru kkonċernat u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

5. B'kont meħud ta' kwalunkwe deroga mogħtija, kif previst fil-paragrafu 1, miżuri biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

Artikolu 42

Miżuri li għandhom jiġu applikati fl-istabbilimenti li kellhom kuntatt

1. Abbażi ta' l-inkjesta epidemjoloġika, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi jekk azjenda għandhiex titqies bħala azjenda milquta.

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri previsti fl-Artikolu 7(2) jiġu applikati lill-azjendi milquta sakemm il-preżenza ta' l-LPAI tkun ġiet eskluża skond il-manwal dijanjostiku.

2. Abbażi ta' l-inkjesta epidemjoloġika, l-awtorità kompetenti tista' tapplika l-miżuri previsti fl-Artikolu 39 lill-azjendi milquta u b'mod partikulari jekk l-azjenda milquta tinsab f'żona b'densità għolja ta' tjur.

Il-kriterji ewlenin li għandhom jitqiesu għall-applikazzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 39 għall-azjendi milquta huma stabbiliti fl-Anness IV.

3. L-awtorità kompetenti għanda tiżgura li jittieħdu l-kampjuni mit-tjur meta jinqatlu sabiex tiġi kkonfermata jew eskluża l-preżenza tal-virus tal-LPAI f'dawk l-azjendi milquta, skond il-manwal dijanjostiku.

4. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li, fi kwalunkwe azjenda fejn tjur jew għasafar miżmuma fil-magħluq oħra jiġu mbiċċra jew maqtula u mormija u sussegwentament tiġi kkonfermata l-LPAI, il-bini u kwalunkwe mergħa użati biex jakkomodawhom, btieħi fl-irziezet u kwalunkwe tagħmir li x'aktarx huwa kkontaminat u l-vetturi użati għat-trasport ta' tjur, għasafar oħra fil-magħluq, karkassi, laħam, għalf, demel, demel likwidu, imfierex u kwalunkwe materjal jew sustanza oħra li x'aktarx huma kkontaminati jgħaddu minn waħda jew aktar mill-proċeduri previsti fl-Artikolu 48.

TAQSIMA 3

Stabbiliment ta' żoni ristretti

Artikolu 43

Stabbiliment ta' żoni ristretti f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-LPAI

Immedjatament wara tfaqqigħ ta' l-influwenza ta' l-LPAI, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi żona ristretta b'raġġ ta' mhux inqas minn kilometru madwar l-azjenda.

▼B

Artikolu 44

Miżuri li għandhom jiġu applikati fiż-żona ristretta

1. L-awtorità kompetenti għanda tiżgura li l-miżuri li ġejjin jiġu applikati fiż-żona ristretta:

(a) isir ċensiment ta' l-azjendi kummerċjali kollha mill-aktar fis possibbli;

(b) isiru testijiet tal-laboratorju fuq azjendi tat-tjur li jinsabu ġewwa raġġ ta' mill-inqas kilometru madwar l-azjenda skond il-manwal dijanjostiku;

(ċ) iċ-ċaqliq kollu ta' tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, tjur lesti biex ibidu, flieles ta' jum u bajd ġewwa jew lejn iż-żona ristretta jiġu soġġetti għal awtorizzazzjoni u għal miżuri oħra ta' kontroll meqjusa xierqa mill-awtorità kompetenti; din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għall-passaġġ miż-żona ristretta permezz ta' toroq jew bil-ferrovija mingħajr ħatt jew waqfien;

(d) iċ-ċaqliq ta' tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, tjur lesti biex ibidu, flieles ta' jum u bajd fiż-żona ristretta huma pprojbiti sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax it-trasport dirett ta':

(i) tjur għat-tbiċċir f'biċċerija fl-istess Stat Membru;

(ii) tjur ħajjin għal azjenda jew barrakka fl-istess Stat Membru fejn m'hemm ebda tjur oħra. It-tjur ħajjin għandhom jibqgħu hemmhekk għal 21 jum u l-azjenda għandha titqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tagħhom;

(iii) flieles ta' jum:

lejn azjenda jew barrakka ta' tali azjenda fl-istess Stat Membru; il-flieles ta' jum għandhom jibqgħu hemmhekk għal 21 jum u l-azjenda għandha titqiegħed taħt sorveljanza uffiċjali wara l-wasla tagħhom;

jew

jekk imfaqqsa minn bajd li joriġina minn azjendi tat-tjur li jinsabu barra miż-żona ristretta lejn kwalunkwe azjenda oħra sakemm il-mafqas jista' jiżgura, permezz tal-loġistika u l-kondizzjonijiet ta' ħidma tal-bijosigurtà tiegħu li huwa eskluż kwalunkwe kuntatt ma' bajd għat-tifqis u flieles ta' jum li joriġinaw minn qatgħat ta' tjur fiż-żona ristretta u li għalhekk għandhom status ta' saħħa differenti;

(iv) bajd għat-tifqis għal mafqas magħżul; il-bajd għat-tifqis u l-imballaġ tagħhom għandhom jiġu diżinfettati qabel id-dispaċċ u t-traċċar lura ta' dawn il-bajd irid jiġi żgurat;

(v) bajd għall-ikel lejn ċentru ta' l-ippakkjar magħżul sakemm huma ppakkjati f'imballaġ li jista' jintrema u jiġu applikati l-miżuri kollha ta' bijosigurtà mitluba mill-awtorità kompetenti;

(vi) bajd lejn stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitolu II tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 852/2004 li jinsab ġewwa jew barra ż-żona ristretta;

(vii) bajd għar-rimi;

(e) il-karkassi għandhom jintremew;

▼B

(f) kull persuna li tidħol fi jew titlaq minn azjendi fiż-żona ristretta tosserva l-miżuri ta' bijosigurtà xierqa maħsuba biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur;

(g) vetturi u tagħmir użati għat-trasport ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin, għalf, demel, demel likwidu u mfierex, u kwalunkwe materjal jew sustanza oħra li x'aktarx huma kkontaminati, jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati mingħajr dewmien wara l-kontaminazzjoni, permezz ta' waħda jew aktar mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 48;

(h) l-ebda tjur, għasfur miżmuma fil-magħluq jew mammiferu ta' speċi domestika oħra ma jista' jidħol fi jew jitilqu minn azjenda mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti. Din ir-restrizzjoni m'għandhiex tapplika għal mammiferi li għandhom aċċess biss għall-kwartieri fejn jgħixu l-bnedmin u fejn huma:

(i) m'għandhom ebda kuntatt ma' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq residenti,

u

(ii) m'għandhom ebda aċċess għal kwalunkwe gaġġa jew żona fejn jinżammu tali tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq residenti.

(i) it-tneħħija jew it-tixrid ta' mifrex użat, demel jew demel likwidu huma pprojbiti, sakemm mhux awtorizzati mill-awtorità kompetenti; jista' jiġi awtorizzat iċ-ċaqliq ta' demel minn azjenda li tinsab fiż-żona ristretta taħt miżuri ta' bijosigurtà lejn impjant magħżul għat-trattament jew għall-ħażna intermedja għal trattament sussegwenti biex tiġi meqruda l-preżenza possibbli tal-viruses ta' l-influwenza tat-tjur, skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew skond regoli speċifiċi li jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2);

(j) fieri, swieq, wirjiet jew ġabriet oħra ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq huma pprojbiti, sakemm mhux awtorizzati mill-awtorità kompetenti;

(k) tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq għat-tgħammir ta' l-annimali tal-kaċċa ma jinħelsux.

2. L-awtorità kompetenti tista', abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, tintroduċi miżuri ulterjuri flimkien mal-miżuri previsti f'din it-Taqsima u għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan.

3. Jistgħu jiġu adottati miżuri ulterjuri għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64 (3).

Artikolu 45

Tul tal-miżuri

Il-miżuri previsti f'din it-Taqsima għandhom jinżammu:

(a) għal mill-inqas 21 jum wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari ta' l-azjenda infettata permezz ta' waħda jew aktar mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 48, u sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' l-investigazzjonijiet u t-testijiet tal-laboratorju mwettqa fiż-żona ristretta skond il-manwal dijanjostiku u valutazzjoni ta' riskju, iqisu li r-riskju li tinxtered l-LPAI huwa negliġibbli;

▼B

(b) għal mill-inqas 42 jum wara d-data mill-konferma tat-tfaqqigħ ta' l-influwenza u sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi ta' l-investigazzjonijiet u t-testijiet tal-laboratorju mwettqa fiż-żona ristretta skond il-manwal dijanjostiku u valutazzjoni ta' riskju, iqisu li r-riskju li tinxtered l-LPAI huwa negliġibbli;

jew

(ċ) għal kwalunkwe tul ta' żmien ieħor u taħt kondizzjonijiet li jridu jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

Artikolu 46

Derogi

1. Meta l-LPAI hija kkonfermata f'mafqas, l-awtorità kompetenti tista', abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, tidderoga minn xi wħud jew mill-miżuri kollha previsti fl-Artikoli 43 u 44.

2. L-awtorità kompetenti tista' tagħti derogi mill-miżuri previsti f'din it-Taqsima f'każijiet ta' tfaqqigħ ta' l-LPAI f'azjenda mhux kummerċjali, ċirku, żu, ħanut ta' l-għasafar domestiċi, park ta' l-annimali selvaġġi, żona magħluqa fejn jinżammu tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq għal skopijiet xjentifiċi jew skopijiet relatati mal-konservazzjoni ta' speċi li jinsabu fil-periklu jew razez rari ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li huma reġistrati uffiċjalment, sakemm dawn id-derogi ma jipperikolawx il-kontroll tal-marda.

3. L-Istati Membri li jagħtu d-deroga msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

4. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi s-sitwazzjoni ma' l-Istat Membru kkonċernat u fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

5. B'kont meħud ta' kwalunkwe deroga mogħtija, kif previst fil-paragrafi 1 u 2, miżuri biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

KAPITOLU VI

MIŻURI MMIRATI BIEX JIĠI EVITAT IT-TIXRID TAL-VIRUSES TA' L-INFLUWENZA TA' ORIĠINI AVJARJA GĦAL SPEĊI OĦRA

Artikolu 47

Testijiet tal-laboratorju u miżuri oħra fir-rigward ta' majjali u speċi oħra

1. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li wara konferma ta' l-influwenza tat-tjur f'kwalunkwe azjenda, jitwettqu testijiet tal-laboratorju xierqa, skond il-manwal dijanjostiku, fuq il-majjali kollha preżenti fl-ażjenda biex tiġi kkonfermata jew eskluża li dawk il-majjali huma, jew ġew, infettati bil-virus ta' l-influwenza tat-tjur.

L-ebda majjal m'għandu jiġu mċaqlaq mill-azjenda sakemm joħorġu r-riżultati ta' dawk it-testijiet.

2. Meta t-testijiet tal-laboratorju previsti fil-paragrafu 1 jikkonfermaw sejbiet pożittivi għall-viruses ta' l-influwenza tat-tjur fil-majjali, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza ċ-ċaqliq ta' dawk il-majjali lejn azjendi tal-majjali oħra jew lejn biċċeriji magħżulin, sakemm testijiet sussegwenti xierqa jkunu wrew li r-riskju tat-tixrid ta' l-influwenza tat-tjur huwa negliġibbli.

▼B

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li meta t-testijiet tal-laboratorju previsti fil-paragrafu 1 jikkonfermaw theddida serja għas-saħħa, il-majjali jinqatlu mill-aktar fis possibbli taħt superviżjoni uffiċjali u b'tali mod li jiġi evitat it-tixrid tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur, b'mod partikulari waqt it-trasport, u skond id-Direttiva 93/119/KEE.

4. L-awtorità kompetenti tista', wara konferma ta' l-influwenza tat-tjur fi kwalunkwe azjenda, u abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, tapplika l-miżuri previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 lil kwalunkwe mammiferu ieħor li jinsab fl-azjenda u tista' testendi dawk il-miżuri għal azjendi milquta.

5. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni fi ħdan il-qafas tal-Kumitat dwar ir-riżultati tat-testijiet u l-miżuri applikati skond il-paragrafi 1 sa 4.

6. L-awtorità kompetenti tista', wara konferma tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur f'majjali jew kull mammiferu ieħor fi kwalunkwe azjenda, twettaq sorveljanza skond il-manwal dijanjostiku biex tidentifika kwalunkwe tixrid ulterjuri tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur.

7. Jistgħu jiġu adottati miżuri addizzjonali, biex jiġi evitat li jinxterdu l-viruses ta' oriġini avjarja fi speċi oħra, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64 (3).

KAPITOLU VII

TINDIF, DIŻINFEZZJONI U RI-POPOLAZZJONI

Artikolu 48

Tindif, diżinfezzjoni u proċeduri għall-qerda tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) it-tindif, id-diżinfezzjoni u t-trattament ta' azjendi u kwalunkwe materjal jew sustanza fihom li huma kkontaminati jew li x'aktarx huma kkontaminati bil-viruses ta' l-influwenza tat-tjur jitwettqu taħt superviżjoni uffiċjali skond:

(i) l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali;

u

(ii) il-prinċipji u l-proċeduri għat-tindif, id-diżinfezzjoni u t-trattament stabbiliti fl-Anness VI.

(b) kwalunkwe art jew mergħa użati minn tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq f'azjenda fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur ma jiġux użati minn tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq sakemm l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li kwalunkwe virus ta' l-influwenza tat-tjur preżenti ikun ġie eliminat jew disattivat;

(ċ) it-tindif, id-diżinfezzjoni u t-trattament ta' biċċeriji, vetturi, trejlers jew mezzi oħra tat-trasport, postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri u kwalunkwe materjal jew sustanza fihom li huma kkontaminati jew li x'aktarx huma kkontaminati bil-viruses ta' l-influwenza tat-tjur jitwettqu taħt superviżjoni uffiċjali skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali;

(d) kwalunkwe tagħmir, materjal jew sustanza fihom li huma kkontaminati jew li x'aktarx huma kkontaminati bil-viruses ta' l-influwenza tat-tjur u li ma jistgħux jitnaddfu u jiġu disinfettati jew trattati b'mod effettiv jiġu meqruda;

▼B

(e) id-diżinfettanti li għandhom jintużaw u l-konċentrazzjonijiet tagħhom huma awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 49

Ri-popolazzjoni ta' l-azjendi

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-paragrafi 2 sa 6 ta' dan l-Artikolu huma osservati, wara l-applikazjoni tal-miżuri previsti fl-Artikoli 11 u 39.

2. Ir-ri-popolazzjoni ta' azjendi kummerċjali tat-tjur m'għandux isir qabel perijodu ta' 21 jum wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni finali kif previst fl-Artikolu 48.

3. Il-miżuri li ġejjin għandhom jitwettqu matul perijodu ta' 21 jum wara d-data tar-ri-popolazzjoni ta' l-azjendi kummerċjali tat-tjur:

(a) it-tjur jgħaddu minn mill-inqas eżami kliniku wieħed imwettaq mill-veterinarju uffiċjali. Dak l-eżami kliniku, jew jekk jitwettaq aktar minn wieħed, l-eżami kliniku finali, jitwettaq kemm jista' jkun lejn it-tmien tal-perijodu ta' 21 jum imsemmi hawn fuq;

(b) jitwettqu testijiet tal-laboratorju skond il-manwal dijanjostiku;

(ċ) it-tjur li jmutu waqt il-fażi tar-ri-popolazzjoni jiġu ttestjati skond il-manwal dijanjostiku;

(d) kwalunkwe persuna li tidħol fi jew titlaq minn azjenda kummerċjali tat-tjur tosserva l-miżuri ta' bijosigurtà xierqa maħsuba biex jiġi evitat li tinxtered l-influwenza tat-tjur;

(e) matul il-fażi tar-ri-popolazzjoni l-ebda tjur ma jitlaq mill-azjenda kummerċjali tat-tjur mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti;

(f) il-proprjetarju jżomm rekord tad-*data* ta' produzzjoni, inkluża *data* dwar il-morbożità u l-mortalità, li għandu jiġi aġġornat regolarment;

(g) kwalunkwe tibdil sinifikanti fid-*data* ta' produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (f), u anormalitajiet oħra jiġu rrapportati minnufih lill-awtorità kompetenti.

4. Abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju, l-awtorità kompetenti tista' tordna li l-proċeduri previsti fil-paragrafu 3 jiġu applikati għal azjendi minbarra azjendi kummerċjali tat-tjur jew għal speċi oħra f'azjenda kummerċjali tat-tjur.

5. Ir-ri-popolazzjoni ta' tjur f'azjendi milquta għandu jsir skond l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti bbażati fuq valutazzjoni ta' riskju.

KAPITOLU VIII

IL-PROĊEDURI DIJANJOSTIĊI, IL-MANWAL DIJANJOSTIKU U L-LABORATORJI TA' REFERENZA

Artikolu 50

Il-proċeduri dijanjostiċi u l-manwal dijanjostiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri dijanjostiċi, it-teħid ta' kampjuni u t-testijiet tal-laboratorju għas-sejba tal-preżenza ta'

▼B

l-influwenza tat-tjur fi tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-maghluq jew il-virus ta' l-influwenza tat-tjur f'mammiferi jitwettqu skond il-manwal dijanjostiku sabiex jiġu żgurati proċeduri uniformi għad-dijanjosi tagħha.

Dak il-manwal għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64 (2)sa …*. Kwalunkwe emenda sussegwenti għall-manwal għandha tiġi adottata skond l-istess proċedura.

2. Il-manwal dijanjostiku previst fil-paragrafu 1 għandu jistabbilixxi għallinqas dan li ġej:

(a) il-ħtiġiet ta' bijosigurtà u l-istandards ta' kwalità minimi li għandhom jiġu osservati mil-laboratorji approvati li jkunu qed jagħmlu t-testijiet għad-dijanjosi ta' l-influwenza tat-tjur;

(b) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta jitwettqu eżamijiet kliniċi jew *post-mortem* għall-konferma jew l-esklużjoni tal-preżenza ta' l-influwenza tat-tjur;

(ċ) il-kriterji u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-ġbir ta' kampjuni minn tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq għal testijiet tal-laboratorju għall-konferma jew l-esklużjoni tal-preżenza ta' l-influwenza tat-tjur; inklużi metodi għat-teħid tal-kampjuni għal eżamijiet seroloġiċi jew viroloġiċi mwettqa skond din id-Direttiva; sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(d) testijiet tal-laboratorju għall-użu fid-dijanjosi ta' l-influwenza tat-tjur, inklużi:

(i) testijiet għad-dijanjosi differenzjali;

(ii) testijiet biex issir distinzjoni bejn il-viruses ta' l-HPAI u ta' l-LPAI;

(iii) testijiet adatti biex issir distinzjoni bejn għasafar imlaqqmin u dawk infettati bil-*field strain* ta' l-influwenza tat-tjur;

(iv) kriterji għall-valutazzjoni tar-riżultati tat-testijiet tal-laboratorju;

(e) tekniki tal-laboratorju għall-klassifika tal-kampjuni tal-viruses ta' l-influwenza tat-tjur.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li viruses ta' l-influwenza tat-tjur, il-genoma u l-antiġeni tagħhom, u l-vaċċini għar-riċerka, id-dijanjosi jew il-manifattura tal-vaċċin għandhom jiġu maniġġati jew użati biss f'postijiet, stabbilimenti jew laboratorji approvati mill-awtorità kompetenti fejn huma garantiti l-miżuri ta' bijosigurtà xierqa.

Il-lista ta' postijiet, stabbilimenti jew laboratorji approvati għandha tingħata lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2007 u tinżamm aġġornata.

Artikolu 51

Laboratorji ta' referenza

1. Il-laboratorju imsemmi fl-Anness VII (1) għandu jkun il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-influwenza tat-tjur (hawn aktar 'il quddiem "il-laboratorju Komunitarju ta' referenza").

Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni 90/424/KEE, il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għandu jwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet elenkati fl-Anness VII (2).

▼M1

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw laboratorju ta' referenza nazzjonali u għandhom jagħmlu d-dettalji tiegħu, u kull tibdil sussegwenti,

▼M1

disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-pubbliku b'mod li jista' jkun speċifikat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

▼B

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-laboratorji nazzjonali ta' referenza:

(a) iwettqu l-funzjonijiet u d-dmirijiet stabbiliti fl-AnnessVIII;

(b) ikunu responsabbli għall-koordinazzjoni ta' l-istandards u l-metodi ta' dijanjosi f'kull Stat Membru skond l-Anness VIII u li jżommu kuntatt mal-laboratorju Komunitarju ta' referenza.

4. Il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għandu jżomm kooperazzjoni u kuntatt mill-qrib mal-laboratorju ta' referenza għall-influwenza tat-tjur ta' l-OIE u tal-FAO u, skond il-każ, ma' laboratorji oħra rikonoxxuti fuq livell internazzjonali fi ħdan il-Komunità sabiex jiġu żgurati taħriġ, eċċellenza u sostenn għal-laboratorji nazzjonali ta' referenza fl-Istati Membri u f'Pajjiżi Terzi.

KAPITOLU IX

TILQIM

TAQSIMA 1

Projbizzjoni ġenerali tat-tilqim

Artikolu 52

Manifattura, bejgħ u użu tal-vaċċini ta' l-influwenza tat-tjur

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur huwa pprojbit fit-territorju tagħhom, ħlief kif previst fit-Taqsimiet 2 u 3;

(b) il-maniġġar, il-manifattura, il-ħażna, il-provvista, id-distribuzzjoni u l-bejgħ tal-vaċċini ta' l-influwenza tat-tjur fit-territorju tagħhom jitwettqu taħt superviżjoni uffiċjali;

(ċ) jintużaw biss vaċċini awtorizzati skond id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi Komunitarju dwar prodotti veterinarji mediċinali ([1]) jew ir-Regolament Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u l-użu veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini ([2]).

2. Regoli dwar il-kondizzjonijiet tal-provvista u l-ħażna ta' stokkijiet ta' vaċċini ta' l-influwenza tat-tjur fil-Komunità jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

([1]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/28/KE (ĠU L 136, 30.4.2004, p. 58.)
([2]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

▼B

TAQSIMA 2

Tilqim ta' emerġenza

Artikolu 53

Tilqim ta' emerġenza fi tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq

1. Stat Membru jista' jintroduċi tilqim ta' emerġenza fi tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq bħala miżura għal perijodu qasir biex jikkontjeni tfaqqigħ meta valutazzjoni ta' riskju tindika li hemm theddida sinifikanti u immedjata ta' tixrid ta' l-influwenza tat-tjur ġewwa jew lejn l-Istat Membru kkonċernat skond din it-Taqsima fejn hemm wieħed jew aktar minn dan li ġej:

(a) tfaqqigħ ġewwa dak l-Istat Membru;

(b) tfaqqigħ ġewwa Stat Membru qrib;

jew

(ċ) fejn l-influwenza tat-tjur tkun ġiet ikkonfermata fi tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq f'Pajjiż Terz qrib.

2. Fejn Stat Membru għandu l-ħsieb li jintroduċi tilqim ta' emerġenza, kif previst fil-paragrafu 1, huwa għandu jissottometti pjan ta' tilqim ta' emerġenza lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

Dak il-pjan għandu jkun skond strateġija DIVA u jkun fih għallinqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) is-sitwazzjoni tal-marda li wasslet għall-applikazzjoni ta' tilqim ta' emerġenza;

(b) iż-żona ġeografika fejn għandu jsir it-tilqim ta' emerġenza u n-numru ta' azjendi f'dik iż-żona u n-numru ta' l-azjendi li għandhom jitlaqqmu jekk dan ma jkunx l-istess;

(ċ) l-ispeċi u l-kategoriji ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew, jekk opportun, il-kumpartimenti ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li għandhom jitlaqqmu;

(d) in-numru approssimattiv ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li għandhom jitlaqqmu;

(e) is-sommarju tal-karatteristiċi tal-vaċċin;

(f) it-tul maħsub tal-kampanja ta' tilqim ta' emerġenza;

(g) id-disposizzjonijiet speċifiċi dwar iċ-ċaqliq tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq imlaqqmin li għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri previsti fit-Taqsimiet 3, 4 u56 tal-Kapitolu IV u t-Taqsima 3 tal-Kapitolu V;

(h) il-kriterji għal deċiżjoni dwar jekk it-tilqim ta' emerġenza għandux jiġi applikat f'azjendi milquta;

(i) iż-żamma ta' rekords u r-reġistrazzjoni tat-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq imlaqqmin;

(j) it-testijiet kliniċi u t-testijiet tal-laboratorju li għandhom jitwettqu fl-azjendi fejn għandu jsir it-tilqim ta' emerġenza u f'azjendi oħra li jinsabu fiż-żona tat-tilqim ta' emerġenza sabiex ikun hemm monitoraġġ tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, l-effikaċja tal-kampanja ta' tilqim ta' emerġenza u l-kontroll taċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq mlaqqmin.

▼B

3. Jistgħu jiġu stabbiliti regoli dettaljati għat-tilqim ta' emerġenza skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

Artikolu 54

Approvazzjoni tal-pjanijiet ta' tilqim ta' emerġenza

1. Il-Kummissjoni għandha minnufih teżamina l-pjan tat-tilqim ta' emerġenza, kif previst fl-Artikolu 53(2), flimkien ma' l-Istat Membru kkonċernat u għandha tirrevedi s-sitwazzjoni fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

2. Il-pjan ta' tilqim ta' emerġenza għandu jiġi approvat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

L-approvazzjoni tal-pjan ta' tilqim ta' emerġenza tista' tinkludi miżuri li jirrestrinġu ċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u l-prodotti tagħhom. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu restrizzjonijiet dwar kumpartimenti speċifiċi tat-tjur u kumpartimenti ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u l-istabbiliment ta' żoni ristretti.

Artikolu 55

Derogi

1. B'deroga mill-Artikolu 54, l-Istati Membri jistgħu japplikaw tilqim ta' emerġenza qabel l-approvazzjoni tal-pjan ta' tilqim ta' emerġenza, soġġett għal dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pjan ta' tilqim ta' emerġenza u d-deċiżjoni li jiġi applikat tilqim ta' emerġenza jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni qabel il-bidu tat-tilqim ta' emerġenza;

(b) l-Istat Membru kkonċernat jipprojbixxi ċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u l-prodotti tagħhom ħlief taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness IX;

(ċ) id-deċiżjoni li jiġi applikat tilqim ta' emerġenza ma jipperikolax il-kontroll tal-marda.

2. Meta Stat Membru japplika d-deroga prevista fil-paragrafu 1, is-sitwazzjoni tal-marda u l-pjan ta' tilqim ta' emerġenza għandhom jiġu riveduti mill-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

3. Il-miżuri jistgħu jiġu approvati jew mibdula skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

TAQSIMA 3

Tilqim preventiv

Artikolu 56

Tilqim preventiv fi tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq

1. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu tilqim preventiv fi tjur jew għasafar miżmuma fil-magħluq oħra bħala miżura għall-perijodu fit-tul skond din it-Taqsima fejn iqisu li abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju xi żoni tat-territorju tagħhom, tip ta' trobbija tat-tjur jew xi kategoriji ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew il-kumpartimenti ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li huma esposti għar-riskju l-influwenza tat-tjur.

▼B

2. Fejn Stat Membru għandu l-ħsieb li jintroduċi tilqim preventiv, kif previst fil-paragrafu 1, għandu jissottometti pjan ta' tilqim preventiv lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

Dak il-pjan għandu jkun skond strateġija DIVA u jkun fih għallinqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) deskrizzjoni ċara tar-raġunijiet għat-tilqim preventiv, inkluża l-istorja tal-marda;

(b) iż-żona, tip ta' trobbija tat-tjur jew xi kategoriji ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew il-kumpartimenti ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq fejn għandu jsir it-tilqim preventiv u n-numru ta' azjendi f'dik iż-żona u n-numru u t-tip ta' azjendi li għandhom jitlaqqmu jekk dan ma jkunx l-istess;

(ċ) l-ispeċi u l-kategoriji ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew, jekk opportun, il-kumpartimenti ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li għandhom jitlaqqmu;

(d) in-numru approssimattiv ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li għandhom jitlaqqmu;

(e) sommarju tal-karatteristiċi tal-vaċċin;

(f) it-tul maħsub tal-kampanja ta' tilqim preventiv;

(g) id-disposizzjonijiet speċifiċi dwar iċ-ċaqliq tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq imlaqqmin li għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri previsti fit-Taqsimiet 3, 4 u 5 tal-Kapitolu IV u t-Taqsima 3 tal-Kapitolu V;

(h) iż-żamma ta' rekords u r-reġistrazzjoni tat-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq imlaqqmin;

(i) it-testijiet tal-laboratorju li għandhom jitwettqu skond il-Manwal Dijanjostiku fl-azjendi fejn għandu jsir it-tilqim preventiv fl-istess ħin tas-sorveljanza u t-testijiet f'numru xieraq ta' azjendi oħra li jinsabu fiż-żona tat-tilqim jew il-kompartimenti tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq sabiex ikun hemm monitoraġġ tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, l-effettività tal-kampanja ta' tilqim preventiv u l-kontroll taċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq imlaqqmin.

3. Jistgħu jiġu stabbiliti regoli dettaljati għat-tilqim preventiv skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

Artikolu 57

Approvazzjoni tal-pjan ta' tilqim preventiv

1. Il-Kummissjoni għandha minnufih teżamina l-pjan ta' tilqim preventiv previst fl-Artikolu 56(2), flimkien ma' l-Istat Membru kkonċernat u għandha tirrivedi s-sitwazzjoni fil-Kumitat mill-aktar fis possibbli.

2. Il-pjan ta' tilqim preventiv għandu jiġi approvat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

L-approvazzjoni tal-pjan ta' tilqim preventiv tista' tinkludi miżuri li jirrestrinġu ċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u l-prodotti tagħhom. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu restrizzjonijiet dwar

▼B

kumpartimenti speċifiċi tat-tjur u kumpartimenti ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u l-istabbiliment ta' żoni ristretti.

TAQSIMA 4

Banek tal-vaċċini

Artikolu 58

Bank Komunitarju tal-vaċċini

1. Jista' jiġi stabbilit bank Komunitarju tal-vaċċini għall-ħażna ta' riservi Komunitarji ta' vaċċini tqa' l-influenza tat-tjur awtorizzata skond id-Direttiva 2001/82/KE jew Regolament (KE) Nru 726/2004 skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

2. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-bank Komunitarju tal-vaċċini wara talba lill-Kummissjoni.

3. Fejn huwa fl-interess tal-Komunità, il-Kummissjoni tista' tipprovdi vaċċini lil pajjiżi terzi.

Mingħajr preġudizzju għal ftehim konklużi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, l-aċċess ta' pajjiżi terzi għall-bank Komunitarju tal-vaċċini għandu jkun awtorizzat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64 (3), soġġett għall-arranġamenti dettaljati bejn il-Kummissjoni u l-pajjiż terz kkonċernat dwar il-kooperazzjoni finanzjarja u teknika li għandhom jiġu adottati skond dik il-proċedura.

Artikolu 59

Banek nazzjonali tal-vaċċini

1. Fi ħdan il-qafas tal-pjan ta' kontinġenza previst fl-Artikolu 62, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jew iżommu bank nazzjonali tal-vaċċini għall-ħażna ta' riżervi ta' vaċċini ta' l-influwenza tat-tjur awtorizzati skond l-Artikolu 5 sa l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2001/82/KE, biex jintużaw f'tilqim ta' emerġenza jew tilqim preventiv.

2. L-Istati Membri li jżommu bank nazzjonali tal-vaċċini għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet u t-tipi ta' vaċċini maħżuna.

KAPITOLU X

KONTROLLI KOMUNITARJI, PENALI U PJANIJIET TA' KONTINĠENZA

Artikolu 60

Kontrolli Komunitarji

L-esperti tal-Kummissjoni jistgħu jagħmlu verifiki fuq il-post f'kooperazzjoni ma' l-awtorità kompetenti, sa fejn huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/139/KE ta' l-4 ta' Frar 1998 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati dwar il-kontrolli għall-arrieda mwettqa fil-qasam veterinarju mill-esperti tal-Kummissjoni fl-Istati Membri ([1]) u l-Artikolu 45

([1]) ĠU L 38, 12.2.1998, p. 10.

▼B

tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar kontrolli uffiċjali mwettqa sabiex tiġi assigurata l-verifika tal-konformita mal-liġi ta' l-għalf u ta' l-ikel, is-saħħa ta' l-annimali u r-regoli tal-benessri ta' l-annimali ([1]).

Artikolu 61

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali li jgħoddu għall-ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mill-iżjed tard sad-data speċifikata fl-Artikolu 67(1) l-ewwel inċiż u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

Artikolu 62

Pjanijiet ta' kontinġenza

1. L-Istati Membri għandhom ifasslu pjan ta' kontinġenza skond l-Anness X fejn jispeċifikaw il-miżuri nazzjonali li għandhom jiġu implimentati fil-każ ta' tfaqqigħ ta' l-influwenza u jissottomettu dak il-pjan lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

2. Il-pjan ta' kontinġenza għandu jippermetti aċċess għal faċilitajiet, tagħmir, persunal u l-materjali l-oħra xierqa kollha meħtieġa għall-qerda rapida u effiċjenti tat-tfaqqigħ ta' l-influwenza. Huwa għandu jagħti indikazzjoni tan-numru u ta' fejn jinsabu l-azjendi kummerċjali kollha tat-tjur. Il-pjan ta' kontinġenza għandu jagħti indikazzjoni tan-numru massimu tat-tjur, skond l-ispeċi, li jistgħu jkunu preżenti f'dawn l-azjendi kummerċjali. L-Istati Membri għandhom ukoll jistmaw l-ammont ta' tilqim li jkun meħtieġ fil-każ ta' tilqim ta' emerġenza.

3. Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet għal kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-setturi differenti, b'mod partikolari dawk inkarigati mis-saħħa ta' l-annimali, is-saħħa pubblika, il-kwistjonijiet ambjentali u s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, b'mod partikolari biex jiġu żgurati komunikazzjonijiet xierqa dwar ir-riskju lill-bdiewa, lill-ħaddiema fis-settur tat-tjur u lill-pubbliku.

4. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-pjanijiet ta' kontinġenza sabiex tiddetermina jekk jippermettux li jinkiseb l-objettiv mixtieq u għandha tissuġġerixxi lill-Istat Membru kkonċernat kwalunkwe emenda meħtieġa, b'mod partikulari biex tiżgura li huma kompatibbli ma' dawk ta' l-Istati Membri l-oħra.

Il-pjanijiet ta' kontinġenza għandhom jiġu approvati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2). Kwalunkwe emenda sussegwenti għal dak il-pjan għandha tiġi adottata skond l-istess proċedura.

5. L-Istati Membri għandhom jaġġornaw il-pjan ta' kontinġenza mill-inqas kull ħames snin u jissottomettuh lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

6. Flimkien mal-miżuri previsti fil-paragrafi 1 sa 4, regoli ulterjuri biex tiġi żgurata l-qerda rapida u effiċjenti ta' l-influwenza tat-tjur,

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni korretta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1.

▼B

inklużi disposizzjonijiet dwar ċentri ta' kontroll tal-mard, gruppi ta' esperti u eżerċizzji ta' emerġenza f'ħin reali, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

KAPITOLU XI

SETGHAT TA' IMPLIMENTAZZJONI U PROĊEDURA TAL-KUMITAT

Artikolu 63

Setgħat ta' implimentazzjoni

1. Ir-regoli dettaljati meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2), u b'mod partikolari regoli speċifiċi dwar:

(a) ir-rimi ta' karkassi,

u

(b) iċ-ċaqliq u t-trattament ta' għalf, imfierex, mifrex użat, demel u demel likwidu kkontaminat jew suspettat li huwa kkontaminat.

2. Kwalunkwe emenda għall-annessi biex jittieħed kont tal-progress xjentifiku u tekniku għandha tiġi deċiża skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

3. Ir-regoli dettaljati meħtieġa mis-sitwazzjoni epidemjoloġika biex jiġu ssupplimentati l-miżuri minimi ta' kontroll previsti f'din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

4. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri ta' salvagwardja previsti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tkomplija tas-suq intern ([1]) jew l-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli fil-kummerċ intra-komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tkomplija tas-suq intern ([2]), miżuri temporanji ta' emerġenza meħtieġa minħabba theddida serja għas-saħħa kkawżata mill-viruses ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja li mhumiex dawk imsemmija fil-punt 1 ta' l-Artikolu 2, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(3).

Artikolu 64

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi ta' l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorita Ewropea għas-sigurta' ta' l-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fir-rigward tas-sigurta' ta' l-ikel ([3]).

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33).
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).
([3]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, 29.9.2003, p. 4.)

▼B

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5 (6) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jkun ta' 15-il jum.

4. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

KAPITOLU XII

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI

Artikolu 65

Revoki

Id-Direttiva 92/40/KEE għandha tkun revokata mill-1 ta' Lulju 2007. Ir-referenzi għad-Direttiva 92/40/KEE għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-anness XI.

Artikolu 66

Disposizzjonijiet transitorji

1. Il-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur approvati skond l-Artikolu 17(4) tad-Direttiva 92/40/KEE u fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2007 għandhom ikomplu japplikaw għall-fini ta' din id-Direttiva.

Madankollu, sat-30 ta' Settembru 2007 l-Istati Membri għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni emendi għal dawk il-pjanijiet ta' kontinġenza, sabiex jinġiebu f'konformità ma' din id-Direttiva.

Dawk il-pjanijiet emendati għandhom jiġu approvati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

2. Sakemm tiġi trasposta din id-Direttiva, aktar disposizzjonijiet transitorji dwar il-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 64(2).

Artikolu 67

Transpozizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2007, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinformaw minnufih lill-Kummissjoni bit-test ta' dawk id-disposizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

▼B

Artikolu 68

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li tkun ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 69

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS I

(kif imsemmi fl-Artikolu 2)

Definizzjoni ta' influwenza tat-tjur

1. "influwenza tat-tjur" tfisser infezzjoni tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq kkawżata minn kwalunkwe virus A ta' l-influwenza:

   (a) tas-sottotipi H5 jew H7;

   jew

   (b) b'indiċi ta' patoġeniċità fil-vini (IVPI) ta' aktar minn 1.2 fi flieles ta' sitt ġimgħat;

2. "influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli (HPAI)" tfisser infezzjoni tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq kkawżata minn:

   (a) viruses ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotipi H5 jew H7 b'sekwenzi tal-ġenoma li jikkodifikaw għal aċidi amminiċi bażiċi multipli fil-post fejn tinqasam il-molekula ta' l-emaglutinina simili għal dak osservat għal viruses oħra ta' l-HPAI, li jindika li l-molekula ta' l-emaglutinina tista' tinqasam bi proteażi ospitanti ubikwa;

   jew

   (b) viruses ta' l-influwenza tat-tjur b'indiċi ta' patoġeniċità fil-vini fi flieles ta' sitt ġimgħat ta' aktar minn 1.2.

3. "influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku baxx (LPAI)" tfisser infezzjoni tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq kkawżata minn viruses ta' l-influwenza tat-tjur tas-sottotipi H5 jew H7 li ma taqax taħt id-definizzjoni fil-paragrafu (2).

▼B

ANNESS II

(imsemmi fl-Artikolu 5(2))

Notifika tal-marda u tagħrif epidemjoloġiku ieħor li għandhom jipprovdu l-Istati Membri

1. Fi żmien 24 siegħa mill-konferma ta' kwalunkwe tfaqqigħ primarju, jew sejba ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew mezz ta' trasport, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 82/894/KEE:

   (a) id-data tan-notifika;

   (b) il-ħin tan-notifika;

   (ċ) l-isem ta' l-Istat Membru kkonċernat;

   (d) l-isem tal-marda;

   (e) in-numru tat-tfaqqigħ jew is-sejba pożittiva ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew mezz tat-trasport;

   (f) id-data meta l-marda kienet suspettata għall-ewwel darba;

   (g) id-data tal-konferma;

   (h) il-metodi użati għall-konferma;

   (i) jekk il-marda ġietx ikkonfermata f'azjenda, biċċerija jew f'mezz ta' trasport;

   (j) il-post ġeografiku tat-tfaqqigħ jew tas-sejba pożittiva ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew f'mezz tat-trasport;

   (k) il-miżuri applikati għall-kontroll tal-marda.

2. Fil-każ ta' sejbiet pożittivi ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċeriji jew mezzi tat-trasport, l-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat, flimkien mad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja:

   (a) stima tan-numru, skond il-kategorija, ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq suxxettibbli fil-biċċerija jew fil-mezz tat-trasport;

   (b) stima tan-numru, skond il-kategorija, ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq mejtin fil-biċċerija jew fil-mezz tat-trasport;

   (ċ) għal kull kategorija ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, il-morbożità identifikata u l-istima tan-numru ta' tjur jew għasafar imrobbija oħra li fihom ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur;

   (d) l-istima tan-numru ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq maqtula jew imbiċċra fil-biċċerija jew fil-mezz tat-trasport;

   (e) stima tan-numru ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq mormija;

   (f) fil-każ ta' biċċerija, id-distanza mill-eqreb azjenda kummerċjali tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq;

   (g) fejn tinsab/jinsabu l-azjenda jew l-azjendi minn fejn ġejjin it-tjur jew il-karkassi infettati.

3. Fil-każ ta' tfaqqigħ sekondarju, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 trid tintbagħat fiż-żmien it-termini perentorji stabbiliti fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva 82/894/KEE.

4. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-informazzjoni li għandha tiġi provduta skond il-paragrafi 1, 2 u 3, fir-rigward ta' kwalunkwe tfaqqigħ jew sejba pożittiva ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew f'mezz ta' trasport, tiġi segwita mill-aktar fis possibbli minn rapport bil-miktub lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, inkluż għallinqas:

▼B

(a) id-data meta t-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq fl-azjenda, fil-biċċerija jew fil-mezz tat-trasport inqatlu u l-karkassi tagħhom intremew jew ġew imbiċċra;

(b) kwalunkwe informazzjoni dwar l-oriġini possibbli ta' l-influenza tat-tjur jew, jekk ġiet stabbilita, l-oriġini tagħha;

(ċ) informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll stabbilita biex jiġi żgurat li l-miżuri li hemm għall-kontroll taċ-ċaqliq ta' l-annimali huma implimentati b'mod effettiv;

(d) fil-każ ta' sejba ta' l-influwenza tat-tjur f'biċċerija jew f'mezz ta' trasport, it-tip ġenetiku tal-virus responsabbli;

(e) fejn tjur ta' l-irziezet jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq inqatlu jew ġew imbiċċra f'azjendi milquta jew li fihom tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li huma suspettati li ġew infettati bil-virus ta' l-influwenza tat-tjur, informazzjoni dwar:

(i) id-data tal-qtil jew tat-tbiċċir u l-istima tan-numru ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ta' kull kategorija maqtula jew imbiċċra f'kull azjenda;

(ii) il-konnessjoni epidemjoloġika bejn l-għajn ta' l-infezzjoni u kull azjenda milquta jew ir-raġunijiet l-oħra li wasslu għas-suspett li l-influwenza tat-tjur hija preżenti;

(iii) fejn f'azjendi milquta tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ma jkunux inqatlu jew tbiċċru, trid tingħata informazzjoni dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma jiġux maqtula jew imbiċċra.

5. F'każ ta' konferma ta' l-influwenza tat-tjur fi tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew prodotti tat-tjur li qed jiġu importati jew introdotti minn fruntieri Komunitarji, f'postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri jew f'faċilitajiet ta' kwarantina jew ċentri li joperaw skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-importazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika din il-konferma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u tirrapporta dwar il-miżuri meħuda.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra jridu jiġu nnotifikati fi żmien 24 siegħa fejn, bħala riżultat ta' sorveljanza, tiġi identifikata theddida serja għas-saħħa.

▼B

ANNESS III

(kif imsemmi fl-Artikoli 8(3) u 13(3))

Awtorizzazzjoni għat-tneħħija tal-bajd minn azjenda skond l-artikolu 8(3) u l-artikolu 13(3)

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport ta' bajd minn azjenda soġġetta għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(3) u l-Artikolu 13(3) ta' din id-Direttiva lejn azjenda approvata għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd skond ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 ("l-istabbiliment magħżul"), soġġett għal dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. sabiex ikunu jistgħu jitneħħew mill-azjenda ta' oriġini, il-bajd iridu jintbagħtu direttament mill-azjenda suspettata lill-istabbiliment magħżul; kull konsenja trid tkun issiġillata qabel id-dispaċċ mill-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-azjenda suspettata jew taħt is-superviżjoni tiegħu u għandha tibqa' ssiġillata matul it-trasport kollu sa l-istabbiliment magħżul;

2. il-veterinarju uffiċjali responsabbli għall-azjenda ta' oriġini għandu jinforma lill-awtorità kompetenti ta' l-azjenda magħżula dwar l-intenzjoni li jintbagħtu l-bajd lilha;

3. l-awtorità kompetenti responsabbli għall-azjenda magħżula għandha tiżgura li:

   (a) il-bajd imsemmi f' paragrafu 1 jinżamm iżolat minn bajd ieħor minn x'ħin jasal sakemm jiġi proċessat;

   (b) il-qxur ta' dan il-bajd jintremew;

   (ċ) il-pakketti użati għall-bajd jew jinqerdu jew jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati b'tali mod li jinqerdu l-viruses kollha ta' l-influwenza tat-tjur;

   (d) il-bajd imsemmi f' paragrafu 1 jiġi ttrasportat f'vetturi mnaddfa u ddiżinfettati. Jiġu applikati miżuri ta' bijosigurtà fuq impjegati u tagħmir u vetturi involuti fit-trasport tal-bajd.

▼B

ANNESS IV

(imsemmi fl-Artikolu 15(2), l-Artikolu 32(2) u l-Artikolu 42 (2))

Kriterji u fatturi ta' riskju ewlenin li jridu jiġu kkonsidrati għad-Deċiżjoni li jiġu applikati miżuri f'azjendi ta' kuntatt jew azjendi u żoni f'riskju fiż-żoni ristretti ulterjuri

Kriterji indikattivi	
Għat-tnaqqis fil-popolazzjoni	Kontra t-tnaqqis fil-popolazzjoni
Sinjali kliniċi li jissuġġerixxu l-influwenza tat-tjur f'azjendi milquta	Ebda sinjali kliniċi li jissuġġerixxu l-influwenza tat-tjur f'azjendi milquta u l-ebda konnessjoni epidemjoloġika
Suxxettibilità għolja ta' l-ispeċi predominanti tat-tjur	Suxxettibilità baxxa ta' l-ispeċi predominanti tat-tjur
Iċ-ċaqliq tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq minnażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur lejn azjendi milquta wara ż-żmien meta probabbilment ġie introdott il-virus f'dawk l-ażjendi infettati	M'hemm ebda ċaqliq tat-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq minnażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur lejn azjendi milquta wara ż-żmien meta probabbilment ġie introdott il-virus f'dawk l-ażjendi infettati
Il-post fejn jinsabu l-azjendi milquta hu f'żona b'densità għolja ta' tjur	Il-post fejn jinsabu l-azjendi milquta hu f'żona b'densità baxxa ta' tjur
Il-marda ilha preżenti għal xi ftit żmien u x'aktarx il-virus inxtered mill-ażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza avjarja qabel l-applikazzjoni tal-miżuri għall-qerda	Il-marda preżenti iżda b'tixrid limitat tal-virus mill-ażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza avjarja qabel l-applikazzjoni tal-miżuri għall-qerda
Il-post fejn jinsabu l-azjendi milquta hu inqas minn 500 metru ([1]) mill-ażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur	Il-post fejn jinsabu l-azjendi milquta hu aktar minn 500 metru ([1]) mill-ażjendi fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur
L-azjendi milquta huma konnessi ma' iżjed minnażjenda waħda fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur	L-azjendi milquta m'humiex konnessi ma'ażjendi minn fejn ġiet ikkonfermata l-influwenza tat-tjur
L-epidemija mhijiex taħt kontroll u n-numru ta'ażjendi fejn l-influwenza tat-tjur ġiet ikkonfermata qed jikber	L-epidemija tinsab taħt kontroll

([1]) F'każijiet fejn id-densità ta' tjur hija għolja ħafna, għandha titqies distanza akbar.

▼B

ANNESS V

(imsemmi fl-Artikolu 39(1))

Kriterji għad-Deċiżjoni li jiġu applikati miżuri f'azjendi fir-rigward ta' l-lpai

Meta issir deċiżjoni dwar iċ-ċaqliq tat-tjur jew tal-bajd u t-tnaqqis fil-popolazzjoni ta' l-azjendi skond l-Artikolu 39(1) l-awtorità kompetenti għandha tqis minn ta' l-inqas dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) l-ispeċi in kwistjoni;

(b) in-numru ta' azjendi fiż-żona madwar l-ażjenda tad-dispaċċ;

(ċ) fejn jinsabu l-biċċeriji, l-imfaqas u ċ-ċentri ta' l-ippakkjar magħżula;

(d) miżuri ta' bijosigurtà applikati f'azjendi, kumpartiment ta' tjur jew ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, matul it-trasport u matul it-tbiċċir;

(e) ir-rotta tat-trasport;

(f) provi tat-tixrid;

(g) ir-riskju għas-saħħa pubblika, jekk hemm;

(h) it-trattamenti ulterjuri tal-prodotti in kwistjoni;

(i) l-impatt soċjo-ekonomiku u impatti oħra.

▼B

ANNESS VI

(imsemmi fl-Artikolu 48)

Prinċipji u proċeduri għat-tindif, id-diżinfezzjoni u t-trattament ta' l-azjendi

1. Il-prinċipji ġenerali u l-proċeduri li ġejjin għandhom jiġu applikati għat-tindif, id-diżinfezzjoni u t-trattament previst fl-Artikolu 48:

   (a) it-tindif u d-diżinfezzjoni u, fejn meħtieġ, il-miżuri għall-qerda tar-rodenti u l-insetti għandhom jitwettqu taħt superviżjoni uffiċjali u skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-veterinarju uffiċjali;

   (b) id-diżinfettanti li għandhom jintużaw u l-konċentrazzjonijiet tagħhom għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti biex tiġi żgurata l-qerda tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur;

   (ċ) id-diżinfettanti għandhom ikunu użati jew skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur fejn dawn jingħataw jew skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali u/jew l-istruzzjonijiet ta' l-awtorità kompetenti, jekk hemm;

   (d) l-għażla tad-diżinfettanti u tal-proċeduri għad-diżinfezzjoni għandha ssir b'kont meħud tan-natura ta' l-ażjendi, il-vetturi u l-oġġetti li jridu jiġu ttrattati;

   (e) il-kondizzjonijiet li taħthom l-aġenti li jneħħu x-xaħam u d-diżinfettanti jintużaw, għandhom jiżguraw li l-effikaċja tagħhom mhix imxekkla; b'mod partikulari l-parametri tekniċi indikati mill-manifattur, bħall-pressjoni, it-temperatura minima u l-ħin ta' kuntatt meħtieġ għandhom jiġu osservati;

   (f) irrispettivament mid-diżinfettant użat, ir-regoli ġenerali li ġejjin għandhom jiġu applikati:

      (i) tgħaddis b'reqqa ta' mfierex u mifrex użat, kif ukoll materjal fekali bid-diżinfettant;

      (ii) ħasil u tindif, permezz ta' xkupiljar u b'għorik bil-broxk bir-reqqa ta' l-art ta' ġewwa u ta' barra, tar-rampi u tal-ħitan wara t-tneħħija jew iż-żarmar, fejn possibbli, ta' tagħmir jew installazzjonijiet li kieku jillimitaw il-proċeduri ta' tindif u diżinfezzjoni b'mod effettiv;

      (iii) imbagħad, applikazzjoni oħra tad-diżinfettant għal ħin ta' kuntatt minimu kif stipulat fir-rakkmandazzjonijiet tal-manifattur;

   (g) fejn il-ħasil isir b'likwidi applikati taħt pressjoni, il-kontaminazzjoni mill-ġdid tal-partijiet imnaddfa qabel trid tiġi evitata;

   (h) il-ħasil, diżinfezzjoni jew qerda ta' tagħmir, installazzjonijiet, artikoli jew kwalunkwe ħaġa oħra li x'aktarx huma kontaminati jridu jkunu inklużi;

   (i) wara l-proċeduri tad-diżinfezzjoni, il-kontaminazzjoni mill-ġdid trid tiġi evitata;

   (j) it-tindif u d-diżinfezzjoni kif meħtieġ fil-qafas ta' din id-Direttiva jridu jiġu dokumentati fir-reġistru ta' l-azjenda jew tal-vettura u, fejn hi meħtieġa l-approvazzjoni uffiċjali, għandhom jiġu ċċertifikati mill-veterinarju uffiċjali li jissorvelja jew persuna taħt is-superviżjoni tiegħu;

   (k) it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-vetturi użati għat-trasport u mill-impjegati.

2. It-tindif u d-diżinfezzjoni u ta' l-azjendi infettati għandhom jitwettqu skond dawn il-prinċipji u l-proċeduri li ġejjin:

   (a) it-tindif u d-diżinfezzjoni preliminari:

      (i) matul il-qtil ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi evitat jew imnaqqas it-tixrid tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur; dawk il-miżuri

▼B

għandhom jinkludu, l-installazzjoni ta' tagħmir temporanju tad-diżinfezzjoni, il-provvista ta' ħwejjeġ protettivi, doċċi, id-dekontaminazzjoni ta' tagħmir, strumenti u faċilitajiet użati, u l-interruzzjoni tal-provvista ta' l-enerġija lejn il-ventilazzjoni;

(ii) il-karkassi tat-tjur u ta' għasafar oħra miżmuma fil-magħluq maqtula għandhom jiġu mraxxa bid-diżinfettant;

(iii) kwalunkwe trasport ta' karkassi ta' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li għandu jitneħħa mill-azjenda għar-rimi għandu jsir f'vetturi jew kontenituri magħluqin li ma jippermettux ċarċir taħt superviżjoni uffiċjali b'tali mod li jiġi evitat it-tixrid tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur;

(iv) malli t-tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq maqtula jew ikunu tneħħew biex jintremew, dawk il-partijiet ta' l-azjenda fejn kienu jinżammu u kwalunkwe parti minn bini, btieħi, eċċ. oħra kkontaminati waqt il-qtil, jew l-eżami *post-mortem* għandhom jiġu mraxxa bid-diżinfettanti awtorizzati skond l-Artikolu 48;

(v) kwalunkwe tessut jew demm li jaqa' matul il-qtil mill-eżamijiet *post-mortem* irid jinġabar bir-reqqa u jintrema mat-tjur jew l-għasafar l-oħra miżmuma fil-magħluq maqtula;

(vi) id-diżinfettant għandu jibqa' fuq l-uċuħ għallinqas għal 24 siegħa;

(b) it-tindif u d-diżinfezzjoni finali:

(i) id-demel u l-imfierex użati għandhom jitneħħew u jiġu ttratati kif previst fil-paragrafu 3(a);

(ii) ix-xaħam u l-ħmieġ għandhom jitneħħew mill-uċuħ kollha bl-applikazzjoni ta' aġent li jneħħi x-xaħam u l-uċuħ għandhom jitnaddfu bl-ilma;

(iii) wara l-ħasil bl-ilma kiesaħ, għandu jerġa' jiġi applikat raxx bid-diżinfettant;

(iv) wara sebat ijiem l-ażjenda għandha tiġi trattata b'aġent li jneħħi x-xaħam, imlaħlaħ bl-ilma, imraxxax bid-diżinfettant u mlaħlaħ għal darb'oħra bl-ilma;

3. Id-diżinfezzjoni ta' mifrex, demel u demel likwidu kkontaminati għandha ssir skond il-prinċipji u l-proċeduri li ġejjin:

(a) id-demel u l-imfierex użati għandhom jew:

(i) jgħaddu minn trattament bil-fwar ta' temperatura ta' mill-inqas 70° C;

(ii) jinqerdu bil-ħruq;

(iii) jindifnu fil-fond biżżejjed biex jiġi evitat l-aċċess minn għasafar selvaġġi u annimali oħra; jew

(iv) jitqiegħdu f'munzell għas-sħana, jiġu mraxxa bid-diżinfettant u jitħallew mill-inqas għal 42 jum;

(b) id-demel likwidu għandu jinħażen għal mill-inqas 60 jum wara l-aħħar żieda ta' materjal infettiv, sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax żmien iqsar għall-ħażna tad-demel likwidu li ġie ttrattat b'effikaċja skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali sabiex tiġi żgurata l-qerda tal-virus.

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza t-trasport ta' demel, mifrex użat, u imfierex li x'aktarx huma kkontaminati jew lejn impjant ta' trattament fejn isir trattament li jiżgura l-qerda ta' kwalunkwe virus ta' l-influwenza jew għall-ħażna intermedja qabel il-qerda jew it-trattament, skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 jew skond ir-regoli speċifiċi msemmija fl-Artikolu 63(1) ta'

▼B

din id-Direttiva. Dan it-trasport għandu jsir f'vetturi magħluqa li ma jippermettux ċarċir, taħt superviżjoni uffiċjali b'tali mod li jiġi evitat it-tixrid talvirus ta' l-influwenza tat-tjur.

4. Madankollu, b'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi proċeduri speċifiċi għat-tindif u d-diżinfezzjoni, b'kont meħud tat-tip ta' azjenda u l-kondizzjonijiet klimatiċi. L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Kummissjoni meta tiġi applikata din id-deroga u tipprovdihom bitdettalji tal-proċeduri speċifiċi.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 48(b), jekk l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-ażjenda jew parti minn kwalunkweażjenda ma jistgħux, għal kwalunkwe raġuni, jitnaddfu u jiġu diżinfettati, hija tista' tipprojbixxi d-dħul ta' kwalunkwe persuna, vettura, tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew mammiferi ta' speċi domestiċi u ta' kwalunkwe ħaġa oħra għal dik l-ażjenda, jew parti minn dik l-ażjenda u tali projbizzjoni għandha tibqa' fis-seħħ għal minimu ta' 12-il xahar.

▼B

ANNESS VII

(imsemmi fl-Artikolu 51(1))

Il-laboratorju komunitarju ta' referenza għall-influwenza tat-tjur

▼M2

1. Il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-influwenza avjarja huwa:

Istituto Zooprofilattico Sperimentale delle Venezie (IZSVe), Legnaro, l-Italja.

▼B

2. Il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-laboratorju Komunitarju ta' referenza għandhom ikunu li:

(a) jikkoordina, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, il-metodi li jintużaw fl-Istati Membri għad-dijanjosi ta' l-influwenza tat-tjur, speċifikament billi;

(i) jikklassifika, jaħżen u jipprovdi varjetajiet tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur għal testijiet seroloġiċi u l-preparazzjoni ta' l-antisera;

(ii) jipprovdi sera standard u reaġenti ta' referenza oħra lil-laboratorji nazzjonali ta' referenza sabiex jiġu standardizzati t-testijiet u r-reaġenti użati fl-Istati Membri;

(iii) jibni u jżomm ġabra ta' varjetajiet u kampjuni tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur;

(iv) jorganizza testijiet komparattivi perjodiċi tal-proċeduri dijanjostiċi fuq livell Komunitarju;

(v) jiġbor u jqabbel *data* u informazzjoni dwar il-metodi tad-dijanjosi użati u r-riżultati tat-testijiet imwettqa fil-Komunità;

(vi) jikkaratterizza l-kampjuni tal-viruses ta' l-influwenza tat-tjur bil-metodi l-aktar aġġornati li huma disponibbli biex jippermetti fehim aħjar ta' l-epidemjoloġija ta' l-influwenza tat-tjur u sabiex jinkiseb għarfien fil-fond ta' l-epidemjoloġija tal-virus u ta' kif jitfaċċaw il-varjetajiet b'livell patoġeniku għoli u dawk potenzjalment patoġeniċi;

(vii) iżomm ruħu aġġornat dwar l-iżviluppi fis-sorveljanza, l-epidemjoloġija u l-prevenzjoni ta' l-influwenza tat-tjur mad-dinja kollha;

(viii) iżomm kompetenza dwar il-virus ta' l-influwenza tat-tjur u viruses oħra rilevanti biex tkun tista' ssir dijanjosi differenzjali rapida;

(ix) jikseb għarfien tal-preparazzjoni u l-użu tal-prodotti ta' l-immunoloġija veterinarja użati għall-kontroll ta' l-influwenza tat-tjur;

(b) jgħin b'mod attiv fid-dijanjosi ta' tfaqqigħ ta' l-influwenza fil-Komunità billi jirċievi kampjuni ta' viruses ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja għal dijanjosi konfermattiva, karatterizzazzjoni u studji epidemjoloġiċi u biex jikseb kampjuni minn tfaqqigħ primarju li għandhom jiġu sottomessi minn pajjiżi terzi awtorizzati għall-importazzjoni ta' tjur ħajjin u laħam lejn il-Komunità skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti; fuq il-kampjuni tal-viruses li jirċievi, il-laboratorju Komunitarju ta' referenza għandu b'mod partikulari jagħmel dawn li ġejjin:

(i) analiżi tas-sekwenzi tan-nukleotidi biex tkun tista' tiġi ddeterminata s-sekwenza dedotta ta' l-aċidi amminiċi fil-post fejn tinqasam il-molekula tal-emaglutinina;

(ii) jiddetermina l-indiċi tal-patoġeniċità fil-vini (IVPI);

(iii) jikklassifika l-antiġeni;

(iv) jagħmel analiżi filoġenetika biex jgħin fl-investigazzjonijiet epidemjoloġiċi;

(ċ) jiffaċilita t-taħriġ jew it-taħriġ mill-ġdid ta' esperti fid-dijanjosi tal-laboratorju bil-ħsieb li jarmonizza t-tekniki fil-Komunità kollha;

▼B

(d) jipprepara l-programm u d-dokumenti ta' ħidma għal-Laqgħa Annwali tal-Laboratorji Nazzjonali ta' Referenza;

(e) jgħin fit-twettiq ta' stħarriġ dwar l-influwenza tat-tjur fit-tjur u f'għasafar selvaġġi li għandhom isiru fl-Istati Membri billi jipprovdi l-antiġeni fil-qafas tal-programm u l-proċeduri approvati għall-ittestjar u jipprepara rapport sommarju dwar ir-riżultati ta' l-istħarriġ;

(f) iżomm taħt reviżjoni l-impatt żoonotiku li jista' jirriżulta minn viruses ta' l-influwenza tat-tjur u jikkollabora ma' laboratorji ta' l-influwenza tal-bniedem rikonoxxuti fuq livell internazzjonali.

(g) Biex jiżviluppa, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, pjan ta' kriżi u ta' kontinġenza li għandu jinkludi disposizzjoni għall-kooperazzjoni mal-laboratorju ta' referenza għall-influwenza tat-tjur ta' l-OIE u tal-FAO u, kif xieraq, ma' laboratorji oħra rikonoxxuti fuq livell internazzjonali fi ħdan il-Komunità.

▼B

ANNESS VIII

(imsemmi fl-Artikolu 51(3))

Funzjoni u dmirijiet tal-laboratorji ta' referenza nazzjonali

1. Il-laboratorji ta' referenza nazzjonali għandhom ikunu responsabbli li jiżguraw li f'kull Stat Membru l-ittestjar fil-laboratorju għas-sejba tal-preżenza ta' l-influwenza tat-tjur u l-identifikazzjoni tat-tip ġenetiku tal-kampjuni tal-viruses isiru skond il-manwal dijanjostiku. Għal dak l-iskop, jistgħu jagħmlu ftehim speċjali mal-laboratorju Komunitarju ta' referenza jew ma' laboratorji nazzjonali oħra.

2. Il-laboratorji nazzjonali ta' referenza għandhom jissottomettu kampjuni tal-virus ta' l-influwenza ta' oriġini avjarja lil-laboratorju Komunitarju ta' referenza mingħajr dewmien għal karatterizzazzjoni sħiħa:

   (a) minn t-tfaqqigħ primarju kollu ta' l-influwenza tat-tjur;

   (b) f'każ ta' tfaqqigħ sekondarju, minn numru rappreżentattiv ta' tfaqqigħ;

   (ċ) f'każ ta' sejba ta' viruses ta' l-influwenza minbarra dawk imsemmija fl-Anness I(1)punt 1 ta' l-Artikolu 2 fi tjur, għasafar oħra miżmuma fil-magħluq jew mammiferi, li huma ta' theddida serja għas-saħħa.

(3) Il-laboratorju nazzjonali ta' referenza f'kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-koordinazzjoni ta' l-istandards u l-metodi dijanjostiċi f'kull laboratorju dijanjostiku ta' l-influwenza tat-tjur f'dak l-Istat Membru. Għal dak l-iskop:

   (a) jistgħu jipprovdu reaġenti dijanjostiċi lil laboratorji individwali;

   (b) għandhom jikkontrollaw il-kwalità tar-reaġenti dijanjostiċi kollha użati f'dak l-Istat Membru;

   (ċ) għandhom jirranġaw testijiet komparattivi fuq bażi perjodika;

   (d) għandu jkollhom kampjuni tal-virus ta' l-influwenza tat-tjur minn tfaqqigħ u ta' viruses ta' l-influwenza oħra ta' oriġini avjarja li nstabu f'dak l-Istat Membru;

   (e) għandhom jikkollaboraw mal-laboratorji nazzjonali ta' l-influwenza tal-bniedem.

▼B

ANNESS IX

(imsemmi fil-punt (b) ta' l-Artikolu 55(1))

Htiġiet għaċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq u prodotti tat-tjur applikabbli fir-rigward tat-tilqim ta' emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontrolli fuq iċ-ċaqliq fuq tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq imlaqqmin skond l-Artikolu 55 u fuq il-prodotti tagħhom jiġu applikati kif stabbilit fil-paragrafi 3 sa 8 skond il-manwal dijanjostiku.

2. Kwalunkwe vettura jew mezz ta' trasport u tagħmir użat għat-trasport ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin, bajd jew laħam tat-tjur fil-kuntest ta' dan l-Anness għandhom jgħaddu minn waħda jew aktar mill-proċeduri ta' tindif, diżinfezzjoni jew trattament previsti fl-Artikolu 48 mingħajr dewmien wara li jkun ġie użat.

3. Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għaċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin u bajd fiż-żona tat-tilqim:

(a) il-bajd għat-tifqis għandu:

(i) joriġina minn qatgħa għar-riproduzzjoni mlaqqma jew mhux imlaqqma li tkun ġiet eżaminata b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;

(ii) ikun ġie ddiżinfettat qabel id-dispaċċ skond metodu approvat mill-awtorità kompetenti;

(iii) jiġi trasportat direttament lill-mafqas destinatarju;

(iv) ikun jista' jiġi traċċat ġewwa fi ħdan il-mafqas;

(b) il-bajd għandhom joriġinaw minn qatgħa għall-bajd mlaqqma jew mhux imlaqqma li tkun ġiet eżaminata, b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku u għandhom jiġu trasportati lejn;

(i) ċentru ta' ppakkjar magħżul mill-awtorità kompetenti ("iċ-ċentru ta' ppakkjar magħżul"), basta li jiġu ppakkjati f'imballaġ li jista' jintrema u li jiġu applikati l-miżuri ta' bijosigurtà kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti,

jew

(ii) stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitoli II tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

(ċ) il-flieles ta' jum għandhom:

(i) joriġinaw minn bajd għat-tifqis li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a);

(ii) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(d) tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajin għandhom:

(i) ikunu gew mlaqqmin kontra l-influwenza tat-tjur, jekk dan huwa prevista fil-programm tat-tilqim;

(ii) ikunu ġew eżaminati, b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;

(iii) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

▼B

(e) it-tjur għat-tbiċċir għandhom:

(i) jiġu eżaminati b'riżultati favorevoli qabel it-tagħbija skond il-manwal dijanjostiku;

(ii) jintbagħtu direttament f'biċċerija magħżula biex jiġu mbiċċra minnufih.

4. Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għaċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin u bajd minn azjendi barra mż-żona tat-tilqim lejn l-ażjenda fi ħdan iż-żona ta' tilqim:

(a) il-bajd għat-tifqis għandu:

(i) jiġi trasportat direttament lill-mafqas destinatarju;

(ii) ikun jista' jiġi traċċat ġewwa fi ħdan il-mafqas;

(b) il-bajd għandhom jiġu trasportati lejn:

(i) ċentru ta' ppakkjar magħżul mill-awtorità kompetenti ("iċ-ċentru ta' ppakkjar magħżul"), basta li jiġu ppakkjati f'imballaġ li jista' jintrema u li jiġu applikati l-miżuri ta' bijosigurtà kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti,

jew

(ii) stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitoli II tat- Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

(ċ) flieles ta' jum għandhom jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(d) tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajin għandhom:

(i) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(ii) jitlaqqmu fl-azjenda destinatarja, jekk previst fil-programm tat-tilqim;

(e) tjur għat-tbiċċir għandhom jintbagħtu direttament f'biċċerija magħżula biex jiġu mbiċċra minnufih;

5. Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għaċ-ċaqliq ta' tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajjin u bajd minn azjendi fi ħdan iż-żona tat-tilqim lejn ażjenda barra miż-żona ta' tilqim:

(a) il-bajd għat-tifqis għandu:

(i) joriġina minn qatgħa għar-riproduzzjoni mlaqqma jew mhux imlaqqma li tkun ġiet eżaminata b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;

(ii) ikun ġie ddiżinfettat qabel id-dispaċċ skond metodu approvat mill-awtorità kompetenti;

(iii) jiġi trasportat direttament lill-mafqas destinatarju;

(iv) ikun jista' jiġi traċċat ġewwa fi ħdan il-mafqas;

(b) il-bajd għandhom joriġinaw minn qatgħa għall-bajd mlaqqma jew mhux imlaqqma li tkun ġiet eżaminata, b'riżultati favorevoli, skond il-manwal ta' monitoraġġ dijanjostiku u għandhom jiġu trasportati lejn;

(i) ċentru ta' ppakkjar magħżul mill-awtorità kompetenti ("iċ-ċentru ta' ppakkjar magħżul"), basta li jiġu ppakkjati f'imballaġ li jista' jintrema u li jiġu applikati l-miżuri ta' bijosigurtà kollha meħtieġa mill-awtorità kompetenti,

jew

(ii) stabbiliment għall-manifattura ta' prodotti tal-bajd kif stabbilit fil-Kapitolu II tat-tat-Taqsima X ta' l-Anness III għar-Regolament (KE)

▼B

Nru 853/2004 u biex jiġu mmaniġġjati u ttrattati skond il-Kapitolu XI ta' l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 852/2004.

(ċ) il-flieles ta' jum għandhom:

(i) ma jkunux ġew imlaqqmin;

▼C1

(ii) joriġinaw minn bajd għat-tifqis li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-paragrafu 3;

▼B

(iii) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(d) tjur jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq ħajin għandhom:

(i) ma jkunux ġew imlaqqmin;

(ii) ikunu ġew eżaminati b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;

(iii) jitqiegħdu f'bini jew f'barrakka tat-tjur fejn m'hemm ebda tjur residenti;

(e) it-tjur għat-tbiċċir għandhom:

(i) jiġu eżaminati qabel it-tagħbija b'riżultati favorevoli, skond il-manwal dijanjostiku;

(ii) jintbagħtu direttament f'biċċerija magħżula biex jiġu mbiċċra minnufih;

6. Għal-laħam miksub minn tjur miżmumin fiż-żona tat-tilqim, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(a) għal laħam miksub minn tjur ta' l-irziezet imlaqqmin, it-tjur ta' l-irziezet għandhom:

(i) ikunu ġew imlaqqmin b'tilqima li tikkonforma ma' strateġija DIVA;

ii) ikunu ġew spezzjonati u ttestjati b'riżultati negattivi skond il-manwal dijanjostiku;

(iii) ikunu ġew spezzjonati klinikament minn veterinarju uffiċjali fi żmien 48 siegħa qabel it-tagħbija u jekk xieraq kwalunkwe għasfur sentinella fl-azjenda għandu jkun ġie eżaminat mill-uffiċċjali veterinarju;

(iv) ikunu ntbagħtu direttament f'biċċerija magħżula biex jiġu mbiċċra minnufih;

(b) għal kwalunkwe laħam miksub minn tjur mhux imlaqqmin mibgħut għat-tbiċċir, it-tjur għandhom jgħaddu minn monitoraġġ skond il-manwal dijanjostiku.

7. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza ċ-ċaqliq ta' karkassi jew bajd għar-rimi mill-azjendi.

8. M'għandhom japplikaw ebda restrizzjonijiet ulterjuri għaċ-ċaqliq ta' bajd ippakkjat u laħam mit-tjur imbiċċra skond dan l-Anness.

9. Iċ-ċaqliq tat-tjur (inklużi flieles ta' jum) jew għasafar oħra miżmuma fil-magħluq mit-territorju ta' l-Istat Membru huwa projbit mill-bidu tal-kampanja ta' tilqim ta' emerġenza sakemm jiġi approvat il-pjan ta' emerġenza taħt l-Artikolu 54 u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura Komunitarja ulterjuri, sakemm dan ma jiġix awtorizzat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru riċevitur.

▼B

ANNESS X

(imsemmi fl-Artikolu 62)

Kriterji għall-pjanijiet ta' kontinġenza

Il-pjanijiet ta' kontinġenzja għandhom jissodisfaw għall-inqas dawn il-kriterji li ġejjin:

1. L-istabbiliment ta' ċentru ta' kriżi fuq livell nazzjonali, li għandu jikkoordina l-miżuri kollha ta' kontroll fl-Istat Membru.

2. Għandha tiġi pprovduta lista taċ-ċentri lokali ta' kontroll tal-mard b'faċilitajiet adegwati għall-koordinazzjoni ta' miżuri ta' kontroll tal-marda fuq livell lokali.

3. Għandha tingħata informazzjoni dettaljata dwar l-impjegati involuti fil-miżuri ta' kontroll, il-ħiliet tagħhom, ir-responsabbilitajiet tagħhom u l-istruzzjonijiet għall-impjegati b'kont meħud tal-ħtieġa għall-protezzjoni personali u r-riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem li ġej mill-influwenza tat-tjur.

4. Kull ċentru lokali ta' kontroll tal-mard irid ikun jista' jikkuntattja malajr lil persuni u organizzazzjonijiet direttament jew indirettament involuti fi tfaqqigħ ta' l-influwenza.

5. Għandhom ikunu disponibbli tagħmir u materjali biex il-miżuri tal-kontroll tal-mard jitwettqu b'mod effettiv.

6. Għandhom jiġu pprovduti istruzzjonijiet dettaljati dwar l-azzjoni li għandha tittieħed fil-każ ta' suspett u konferma ta' infezzjoni jew kontaminazzjoni, inklużi l-mezzi proposti biex jintremew il-karkassi.

7. Għandhom jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ biex jinżammu u jiġu żviluppati ħiliet fil-qasam u fil-proċeduri amministrattivi.

8. Il-laboratorji dijanjostiċi għandu jkollhom faċilitajiet għall-eżamijiet *post-mortem*, il-kapaċità meħtieġa għas-seroloġija, l-istoloġija, eċċ., u għandhom iżommu l-ħiliet għal dijanjosi rapida. Għandhom isiru arranġamenti għat-trasport rapidu tal-kampjuni. Il-pjan ta' kontinġenza għandu wkoll jiddefinixxi l-kapaċità ta' ttestjar għal-laboratorju u r-riżorsi disponibbli biex jittrattaw tfaqqigħ ta' marda.

9. Għandu jiġi prodott pjan ta' tilqim li jittratta numru ta' xenarji li għandhom jagħtu indikazzjoni ta' liema popolazzjonijiet ta' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq li jistgħu jiġu mlaqqma, stima ta' l-ammont tal-vaċċin meħtieġ u d-disponibbiltà tiegħu.

10. Għandha ssir disposizzjoni għad-disponibilità ta' data dwar ir-reġistrazzjoni ta' azjendi kummerċjali tat-tjur fuq it-territorju tagħhom, mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet rilevanti oħra stabbiliti bil-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam.

11. Għandha ssir disposizzjoni biex jiġu rikonoxxuti r-razez rari ta' tjur u għasafar oħra miżmuma fil-magħluq reġistrati uffiċjalment.

12. Għandha ssir disposizzjoni għall-identifikazzjoni ta' żoni b'densità għolja ta' tjur.

13. Għandu jsir provvediment biex jiġu żgurati s-setgħat legali meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza.

▼B

ANNESS XI

Tabella ta' korrelazzjoni

Din id-Direttiva	Id-Direttiva 92/40/KEE
Artikolu 1 (1)(a) u (ċ)	—
Artikolu 1 (1)(b)	Artikolu 1, l-ewwel subparagrafu
Artikolu 1 (2)	—
Artikolu 2, punt (1)	Anness III
Artikolu 2, punt (2)	Anness III, it-tielet subparagrafu
Artikolu 2, punt (3)	
Artikolu 2, punt (4) sa (15), (17), (20), (21), u (22) sa (32)	—
Artikolu 2, punt (16)	Artikolu 2 (b)
Artikolu 2, punt (18)	Artikolu 2 (d)
Artikolu 2, punt (19)	Artikolu 2 (e)
Artikolu 3	—
Artikolu 4	—
Artikolu 5 (1)	Artikolu 3
Artikolu 5 (2)	—
Artikolu 5 (3)	—
Artikolu 6 (1)	Artikolu 4 (2) (g)
Artikolu 6 (2)	Artikolu 7 (1)
Artikolu 6 (3) u (4)	—
Artikolu 7 (1)	Artikolu 4 (1)
Artikolu 7 (2)(a) u (b)	Artikolu 4 (2)(a)
Artikolu 7 (2)(ċ)	Artikolu 4 (2)(b)
Artikolu 7 (2)(d)	Artikolu 4 (2)(ċ)
Artikolu 7 (2)(e) u (g)	Artikolu 4 (2)(d)
Artikolu 7 (2)(f)	Artikolu 4 (2)(e)
Artikolu 7 (2)(h)	Artikolu 4 (2)(f)
Artikolu 7 (3)	Artikolu 4 (2)(g)
Artikolu 7 (4)	—
Artikolu 8	—
Artikolu 9	Artikolu 4 (5)
Artikolu 10	—
Artikolu 11 (1)	Artikolu 5 (1), test introduttiv
Artikolu 11 (2), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 5 (1)(a)
Artikolu 11 (2), it-tieni u t-tielet subparagrafi	—
Artikolu 11 (3)	Artikolu 5 (1)(a)

▼B

Din id-Direttiva	Id-Direttiva 92/40/KEE
Artikolu 11 (4)	Artikolu 5 (1)(d)
Artikolu 11 (5)	Artikolu 5 (1)(ċ) u (d)
Artikolu 11 (6) u (7)	Artikolu 5 (1)(b)
Artikolu 11 (8)	Artikolu 5 (1)(e)
Artikolu 11 (9)	—
Artikolu 11 (10)	Anness III Kapitolu 3 (3)
Artikolu 12	—
Artikolu 13	—
Artikolu 14	Artikolu 6
Artikolu 15	Artikolu 8
Artikolu 16 (1)	Artikolu 9 (1)
Artikolu 16 (2), (3) u (4)	—
Artikolu 16 (5)	Artikolu 9 (6)
Artikolu 17 (1)	Artikolu 10
Artikolu 17 (2)	Artikolu 13
Artikolu 17 (3), (4)	—
Artikolu 18 (a)	Artikolu 9 (2)(a)
Artikolu 18 (b)	Artikolu 9 (2)(b)
Artikolu 18(ċ)	—
Artikolu 19 (a)	Artikolu 9 (2)(ċ)
Artikolu 19 (b), (ċ) u (d)	—
Artikolu 19 (e), l-ewwel sentenza	Artikolu 9 (2)(f), il-frażi ta' introduzzjoni
Artikolu 19 (e), it-tieni sentenza (f), (g) u (h)	—
Artikolu 20	Artikolu 9 (2)(g)
Artikolu 21	Artikolu 9 (2)(h)
Artikolu 22 (1) u (3)	Artikolu 9 (2)(e)
Artikolu 22 (2)	—
Artikolu 23 (1)	Artikolu 9 (2)(f)(i)
Artikolu 23 (2)	—
Artikolu 24 (1)	Artikolu 9 (2)(f)(ii)
Artikolu 24 (2)	—
Artikolu 25	—
Artikolu 26 (1)	Artikolu 9 (2)(f)(iii)
Artikolu 26 (2)	—
Artikolu 27	Artikolu 9 (2)(e)
Artikolu 28	—

▼B

Din id-Direttiva	Id-Direttiva 92/40/KEE
Artikolu 29	Artikolu 9 (3)
Artikolu 30 (a)	Artikolu 9 (4)(a)
Artikolu 30 (b), (ċ)	Artikolu 9 (4)(b), (ċ) u (d)
Artikolu 30 (d), (e), (g) u (j)	—
Artikolu 30 (f)	Artikolu 9 (4)(b)
Artikolu 30 (h)	Artikolu 9 (4)(e)
Artikolu 30 (i)	Artikolu 9 (4)(f)
Artikolu 31	Artikolu 9 (5)
Artikolu 32	—
Artikolu 33	—
Artikolu 34	—
Artikolu 35	—
Artikolu 36	—
Artikolu 37	—
Artikolu 38	—
Artikolu 39	—
Artikolu 40	—
Artikolu 41	—
Artikolu 42	—
Artikolu 43	—
Artikolu 44	—
Artikolu 45	—
Artikolu 46	—
Artikolu 47	—
Artikolu 48	Artikolu 11
Artikolu 49	Artikolu 5(1) (f)
Artikolu 50	—
Artikolu 51 (1)	Anness V
Artikolu 51 (2) u (3)	Artikolu 14
Artikolu 51 (4)	—
Artikolu 52	—
Artikolu 53 (1)	Artikolu 16, il-frażi ta' introduzzjoni
Artikolu 53 (2)	Artikolu 16 (a), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 53 (3)	Artikolu 16 (b)
Artikolu 54	Artikolu 16 (b)
Artikolu 55	Artikolu 16 (a), it-tieni subparagrafu

▼B

Din id-Direttiva	Id-Direttiva 92/40/KEE
Artikolu 56	—
Artikolu 57	—
Artikolu 58	—
Artikolu 59	—
Artikolu 60	Artikolu 18
Artikolu 61	—
Artikolu 62	Artikolu 17
Artikolu 63 (1) u (3)	—
Artikolu 63 (2)	Artikolu 20
Artikolu 64	Artikolu 21
Artikolu 65	—
Artikolu 66	—
Artikolu 67	Artikolu 22
Artikolu 68	—
Artikolu 69	Artikolu 23
Anness I (1)	Anness III
Anness I (2)	Anness III, it-tielet subparagrafu
Anness I (3)	—
Anness II	—
Anness III	Anness I
Anness IV	—
Anness V	—
Anness VI	Anness II
Anness VII	Anness V
Anness VIII	—
Anness IX	—
Anness X	Anness VI
Anness XI	—